PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' Sessjoni*

**A7-0059/2010**

23.3.2010

# RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew
(C7-0044/2010 – 2010/0813(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles

PR_NLE_art109

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW......................................3

ANNESS (1): CURRICULUM VITAE TA' VÍTOR CONSTÂNCIO .....................................4

ANNESS (2): TWEĠIBIET TAL-KANDIDAT GĦAL VIĊI PRESIDENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, IS-SUR VÍTOR CONSTÂNCIO.....................................................8

RIŻULTAT TAL-VOT FINAL FIL-KUMITAT ....................................................................49

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew**
**(N7-0011/2010 – C7-0044/2010 – 2010/0813(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

**Il-Parlament Ewropew,**

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 2010[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0044/2010),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0059/2010),

A. billi b'ittra tal-24 ta' Frar 2010 l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Vítor Constâncio bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin,

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad ivvaluta l-kredenzjali tal-persuna nnominata, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-ħtieġa tal-indipendenza sħiħa tal-BĊE skont l-Artikolu 130, u billi fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-kumitat irċieva CV mingħand il-kandidat kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju bil-miktub li ntbagħat lilu,

C. billi l-kumitat imbagħad kellu smigħ ta' sagħtejn mal-persuna nnominata fit-23 ta' Marzu 2010, li fiha Vítor Constâncio għamel dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-kumitat,

1. Jagħti opinjoni favorevoli lill-Kunsill Ewropew dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Vítor Constâncio bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

## ANNESS (1): CURRICULUM VITAE TA' VÍTOR CONSTÂNCIO

**Edukazzjoni**

| | |
|---|---|
| 1965 | Grad fl-Ekonomija mogħti mill-Instituto Superior de Ciências Económicas e Financeiras (li llum jissejjaħ Instituto Superior de Economia e Gestão, ISEG) tal-Università Teknika ta' Lisbona. |
| 1973-1974 | Studji ta' wara l-lawrja fl-Università ta' Bristol (Ir-Renju Unit). |

**Esperjenza tax-xogħol**

| | |
|---|---|
| 1965-1973 | Assistent Professur tal-Ekonomija fl-ISEG, b'tagħlim li jkopri "Ekonomija I", "Ekonomija II (Makroekonomija)", "Storja tal-Ħsieb Ekonomiku", "Ippjanar tal-Kontabilità u Ekonomiku Nazzjonali". |
| 1972-1973 | Kap tad-Dipartiment tal-Mudelli Ekonomiċi u l-Ipprogrammar Globali fiċ-Ċentru tal-Istudji tal-Ippjanar. Responsabbli f'din il-kapaċità għat-tbassir ekonomiku tar-Raba' Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali.<br>Professur fl-Instituto Superior do Serviço Social, fejn kien jgħallem "Introduzzjoni għall-Ekonomija". |
| 1974-1975 | Segretarju tal-Istat għall-Ippjanar fl-ewwel u t-tieni Gvern Proviżorju. |
| 1975 | Kap tad-Dipartiment tar-Riċerka fil-Bank Ċentrali (Banco de Portugal). |
| 1976 | Segretarju tal-Istat għall-Baġit u għall-Ippjanar. |
| 1977 | Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali (Banco de Portugal).<br>President tal-Kummissjoni għall-Integrazzjoni Ewropea, inkarigat bin-negozjati tas-sħubija tal-Portugall mal-Komunità Ekonomika Ewropea (pożizzjoni li tkompliet matul l-1979 wara li kien sar Ministru tal-Finanzi u żamm ir-responsabilità għan-negozjati mal-Komunità Ewropea matul is-sena 1978). |

| | |
|---|---|
| 1978 | Ministru tal-Finanzi. Innegozja u implimenta l-ewwel Programm ta' Stabilizzazzjoni ffirmat mir-Repubblika Portugiża mal-Fond Monetarju Internazzjonali. |
| 1979 | Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali (Banco de Portugal).<br>President tal-Kummissjoni għall-Integrazzjoni Ewropea, inkarigat bin-negozjati tas-sħubija tal-Portugall mal-Komunità Ekonomika Ewropea. |
| 1980-1981 | Professur fil-kors ta' wara l-lawrja dwar l-Integrazzjoni Ewropea fl-Università Kattolika, fejn kien jgħallem "It-Teorija tal-Integrazzjoni Ekonomika".<br>Membru tal-Parlament u President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar l-Affarijiet Ewropej.<br>President tas-sezzjoni Portugiża tal-Moviment Ewropew. |
| 1981-1984 | Deputat Gvernatur tal-Bank Ċentrali (Banco de Portugal). |
| 1982-1984 | Professur Mistieden fl-Universidade Nova de Lisboa, fejn kien jgħallem "It-Teorija u l-Politika Monetarja". |
| 1985-1986 | Gvernatur tal-Bank Ċentrali (Banco de Portugal). F'din il-kapaċità implimenta riforma profonda tas-suq monetarju Portugiż, b'mod li tħallew jiġu stabbiliti rati ta' interessi ddeterminati mis-suq, biex b'hekk twittiet it-triq għal metodu aktar orjentat lejn is-suq ta' kif titwettaq il-politika monetarja. Ir-rati ta' interessi ġew liberalizzati u nħoloq suq tal-munita barranija b'iffissar ta' kuljum. Fl-istess ħin ġie implimentat il-ftuħ tas-settur bankarju għall-banek privati u barranin. Dawn ir-riformi għenu biex il-pajjiż jipprepara biex iwettaq il-politiki tiegħu b'mod aktar kompatibbli mas-sħubija sħiħa fil-KEE li seħħet f'Jannar 1986. |
| 1987-1988 | Membru tal-Parlament. |
| 1989-1994 | Professur tal-Ekonomija fl-Instituto Superior de Economia e Gestão (Università Teknika ta' Lisbona), bħala Koordinatur tal-Grad ta' Masters dwar l-Ekonomija Monetarja u Finanzjarja u għallem il-Makroekonomija u |

t-Teorija u l-Politika Monetarja.
Konsulent Anzjan fil-Bank Ċentrali (Banco de Portugal).
1989 - Missjoni għall-I.F.C. (Bank Dinji) fil-Polonja, fejn ittratta r-Riforma Bankarja u t-tħejjija għal liġi ġdida dwar il-ftuħ tas-settur bankarju Pollakk għall-banek barranin, fuq il-bażi tal-esperjenza Portugiża.
1990 - It-tieni Missjoni għall-I.F.C. (Bank Dinji) fil-Polonja, fejn ittratta r-Riforma Bankarja fil-kuntest ta' diskussjoni madwar il-mejda mal-banek barranin.
1990 - It-tielet Missjoni għall-I.F.C. (Bank Dinji) fiċ-Ċekoslovakkja, fejn ittratta r-Riforma Bankarja u t-tħejjija tal-leġiżlazzjoni biex jitħallew jidħlu l-banek barranin.
1991 - Missjoni għall-Bank Dinji fl-Angola, fejn ittratta r-Riforma tal-Politika Monetarja u tal-Banek.
1991 - Kap tal-Missjoni għall-Għajnuna għall-Iżvilupp Internazzjonali Svediża (SIDA) fl-Angola, fejn ittratta l-Politika Makroekonomika.
1993-94 - President ta' Lisboa 94, l-entità inkarigata li torganizza l-avvenimenti kommemorattivi ta' Lisbona bħala l-Kapitali Kulturali Ewropea, inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea.

1995-1999 Professur tal-Ekonomija fl-Instituto Superior de Economia e Gestão (Università Teknika ta' Lisbona), bħala Koordinatur tal-Grad ta' Masters dwar "L-Ekonomija Monetarja u Finanzjarja", fejn għallem "Il-Makroekonomija u t-Teorija u l-Politika Monetarja".
Membru tal-Conselho de Estado, korp konsultattiv għall-President tar-Repubblika mwaqqaf skont it-termini tal-Kostituzzjoni Portugiża.
Membru tal-Bord (Direttur Eżekuttiv) tal-Banco Português de Investimento (BPI), grupp bankarju privat ewlieni Portugiż, b'responsabilità għall-Baġit, il-Kontabilità u l-Kontroll tar-Riskji tas-Swieq Finanzjarji. Irrappreżenta lill-BPI bħala membru mhux eżekuttiv tal-bord tal-PT, il-Kumpanija tat-Telekomunikazzjonijiet Portugiża, u sussegwentament bħala membru mhux eżekuttiv tal-Bord tal-EDP, il-

| | |
|---|---|
| | Kumpanija tal-Elettriku Portugiża. |
| 2000-2009 | Gvernatur tal-Bank Ċentrali (Banco de Portugal). F'din il-kapaċità, kien ukoll membru tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE.<br>Professur tal-Ekonomija fl-Instituto Superior de Economia e Gestão (Università Teknika ta' Lisbona), bħala Koordinatur tal-Grad ta' Masters dwar "L-Ekonomija Monetarja u Finanzjarja", fejn għallem "Il-Politika Monetarja". |

## ANNESS (2): TWEĠIBIET TAL-KANDIDAT GĦAL VIĊI PRESIDENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, IS-SUR VÍTOR CONSTÂNCIO

### A. Sfond personali u professjonali

**1. Jekk jogħġbok niżżel l-aspetti prinċipali tal-esperjenza professjonali tiegħek fi kwistjonijiet monetarji, finanzjarji u kummerċjali.**

L-esperjenza tiegħi fil-kwistjonijiet imsemmija hija relatata mal-pożizzjonijiet li kelli bħala bankier fil-bank ċentrali, professur tax-xjenza ekonomika u bankier privat. Kif stajtu taraw mid-deskrizzjoni tal-kurrikulu tiegħi, tajt diversi korsijiet fix-xjenza ekonomika matul diversi snin u, partikolarment, bejn l-1989 u s-sena 2000 kont Professur tax-Xjenza Ekonomika fl-Instituto Superior de Economia e Gestão (Università Teknika ta' Liżbona), ħdimt bħala Koordinatur tal-Grad M.A. fix-Xjenza Ekonomika Monetarja u Finanzjarja u għallimt it-Teorija u l-Politika Makroekonomika u Monetarja. Mis-sena 2000 sal-lum tajt biss kors ta' semestru dwar il-Politika Monetarja.

Mill-1995 sal-bidu tas-sena 2000, kont Membru tal-Bord (Direttur Eżekuttiv) tal-Banco Português de Investimento (BPI), grupp bankarju Portugiż prinċipali, fejn kont responsabbli mill-Baġit, il-Kontabilità u l-Kontroll tar-Riskji fis-Suq Finanzjarju. Minn din l-esperjenza ksibt għerf prattiku prezzjuż dwar l-attività bankarja b'mod ġenerali, b'enfasi partikolari fuq il-kontabilità u l-immaniġġjar tar-riskju, għerf li nqis bħala importanti ħafna għar-responsabilitajiet tiegħi bħala bankier ċentrali. Irrappreżentajt lill-BPI wkoll bħala membru mhux eżekuttiv fil-bord tal-PT, il-Kumpanija Portugiża tat-Telekomunikazzjonijiet, u sussegwentement bħala membru mhux eżekuttiv tal-Bord tal-EDP, il-Kumpanija Portugiża tal-Elettriku.

Madankollu, il-pożizzjonijiet li kelli fil-banek ċentrali matul il-karriera professjonali tiegħi jikkostitwixxu l-esperjenza ta' xogħol li hija iktar rilevanti għall-kuntest attwali. Bdejt fil-Banco de Portugal bħala kap tad-Dipartiment tar-Riċerka u wara, għal numru ta' snin, kelli l-kariga ta' Deputat Gvernatur u bejn l-1985 u l-1986 kelli l-kariga ta' Gvernatur. Fis-sena 2000 erġajt inħtart bħala Gvernatur u nħtart għal darba oħra għal din il-kariga fl-2006 għal mandat ġdid ta' ħames snin. Konsegwentement, fl-aħħar għaxar snin, kont membru kemm tal-Kunsill Ġenerali kif ukoll tal-Kunsill ta' Tmexxija tal-Bank Ċentrali Ewropew.

**2. Jekk jogħġbok indika l-aspetti prinċipali tal-esperjenza professjonali tiegħek f'livell Ewropew u internazzjonali.**

Bejn l-1975 u l-1977 servejt, għal tliet darbiet konsekuttivi, bħala kap tad-Delegazzjoni Portugiża għall-eżami tal-OECD tal-ekonomija Portugiża biex jiġi ppubblikat l-istħarriġ dwar il-pajjiż. Fl-1977 u għal darba oħra fl-1979, servejt bħala President tal-Kummissjoni għall-Integrazzjoni Ewropea, fejn kont inkarigat min-negozjati dwar is-sħubija tal-Portugall mal-Komunità Ekonomika Ewropea. Fl-1985-86 (fl-1985 bħala osservatur) kont membru tal-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Bankijiet Ċentrali tal-Komunità Ewropea. Bejn l-1989 u l-1992 ipparteċipajt jew mexxejt missjonijiet ekonomiċi għall-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali (IFC)-Bank Dinji fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u l-Angola.

Ilni membru kemm tal-Kunsill Ġenerali u kemm tal-Kunsill ta' Tmexxija tal-Bank Ċentrali Ewropew minn Marzu tas-sena 2000.

**3. X'inhuma l-iktar deċiżjonijiet importanti li kellek tieħu fil-ħajja professjonali tiegħek?**

Bħala Ministru tal-Finanzi, fl-1978, kelli niddeċiedi dwar il-politiki biex tiġi ffaċċjata l-kriżi tal-bilanċ fil-pagamenti, li l-pajjiż kien ilu jħoss l-effetti tagħha mill-1976. It-tħejjija tal-baġit u n-negozjati kumplessi dwar ftehima standby mal-FMI, b'għażliet diffiċli dwar ir-rati ta' interess (li dak iż-żmien kienu r-responsabilità tal-Gvern) u r-rati tal-kambju, involvew deċiżjonijiet li ħtieġu sforzi kbar u li pproduċew riżultati pożittivi: id-deficit estern inqata' bin-nofs u kien hemm aġġustament b'suċċess tal-ekonomija Portugiża.

Bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali, fl-1985-86, implimentajt riforma radikali tas-swieq Portugiżi monetarji u l-forex, li biha wittejt it-triq għal metodu mmirat iktar lejn is-suq ta' kif titmexxa l-politika monetarja. Ġew liberalizzati r-rati ta' interess, inħoloq suq ġdid tal-Kambjala tat-Teżor u kien immaniġġjat mill-Banco de Portugal, inħolqu ċertifikati tad-dejn tal-bank ċentrali u twaqqaf suq proprju tal-kambju tal-flus barranin bl-iffissar tar-rati ta' kuljum. Fl-istess żmien ġie implimentat il-ftuħ tas-settur bankarju għal banek privati u barranin. Dawn ir-riformi għenu lill-pajjiż jipprepara biex imexxi l-politiki tiegħu b'mod iktar kumpatibbli ma' sħubija sħiħa fil-KEE li seħħet f'Jannar tal-1986.

**B. <u>Il-politika monetarja u ekonomika</u>**

**4. X'ser ikunu l-objettivi ta' gwida li int ser tipprova tilħaq matul il-mandat tiegħek ta' tmien snin bħala Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew?**

Bħala Viċi President tal-BĊE, ser nimxi mal-istess prinċipji li kelli meta kont il-Gvernatur tal-Banco de Portugal: konformità mal-aspetti legali tal-mandat, indipendenza minn korpi politiċi jew korpi oħrajn, trasparenza u l-ogħla standards ta' kondotta etika.

Jien ser nirrispetta bis-sħiħ il-mandat tat-Trattat. Jien marbut mal-objettiv primarju tal-BĊE ta' stabilità fil-prezzijiet u l-prinċipju ta' indipendenza tal-banek ċentrali. Bla ħsara għall-objettiv primarju tal-istabilità fil-prezzijiet, jiena marbut ukoll mal-objettiv sekondarju, definit mit-Trattat, ta' appoġġ għall-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bil-għan li jkun hemm kontribut biex l-objettivi tagħha jintlaħqu. Flimkien mal-kollegi tiegħi fil-Kunsill ta' Tmexxija tal-BĊE, se nkompli nagħmel ħilti biex tinkiseb stabilità fil-prezzijiet matul il-medda medja ta' żmien għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej kollha.

**5. X'jidhirlek mill-mod kif il-politika monetarja ilha tiġi implimentata għal dawn l-aħħar ħdax-il sena mill-SEBĊ? Hemm xi tibdiliet li tixtieq tippromwovi meta ssir Viċi President tal-BĊE, u jekk iva, dawn x'inhuma?**

L-introduzzjoni tal-ewro fl-1999 kienet avveniment storiku fl-istorja monetarja. Kelli l-unur li nipparteċipa fil-proċess tal-ewro, bħala membru tal-Kunsill ta' Tmexxija tal-BĊE għal dawn l-aħħar 10 snin. Jiena nemmen li l-politika monetarja mexxielha tilħaq l-objettivi tat-Trattat, kif ġie rifless f'inflazzjoni medja ta' 2% biss sa mit-twaqqif tal-unjoni monetarja u l-ankraġġ

sod tal-aspettattivi tal-inflazzjoni, kriterju fundamentali għal politika monetarja tajba. L-impenn biex l-inflazzjoni, fuq medda medja ta' żmien, tinżamm taħt iżda qrib it-2%, huwa dak li jipprovdi l-iktar struttura solida għall-istrateġija tagħna ta' politika monetarja. Dan l-impenn huwa l-boxxla tagħna, kif il-President Trichet jħobb jgħid.

Għadda iktar minn deċenju mit-twaqqif tal-unjoni monetarja. Il-BĊE, għalhekk, għadu istituzzjoni relattivament ġdida, meta mqabbel ma' istituzzjonijiet Ewropej oħra u ma' banek ċentrali prinċipali oħra. Wieħed faċilment jinsa l-isfidi li ffaċċja l-BĊE meta beda jmexxi l-politika monetarja għaż-żona tal-ewro, b'ħafna inċertezzi jiddominaw. Il-fatt li dawn l-ostakli ngħelbu b'daqshekk faċilità, u li l-BĊE kiseb stejtus sħiħ bħala istituzzjoni tal-Unjoni u huwa membru rispettat tal-komunità internazzjonali tal-banek ċentrali, diġà jindika li l-politika monetarja fiż-żona tal-ewro żviluppat b'mod sodisfaċenti ħafna u għaldaqstant fl-opinjoni tiegħi m'hemmx bżonn ta' bidliet sinifikanti. Ippermettuli nsemmi xi żewġ fatti oħra li jappoġġjaw l-evalwazzjoni li għamilt.

L-ankraġġ tal-aspettattivi tal-inflazzjoni f'livelli konsistenti mad-definizzjoni tal-BĊE tal-istabilità tal-prezzijiet, fl-opinjoni tiegħi, jipprovdi sinjal ċar li s-swieq finanzjarji u l-pubbliku ġenerali għandhom fiduċja kbira li l-politika monetarja unika kapaċi tilħaq l-objettiv tagħha. Il-fatt li l-aspettattivi tal-inflazzjoni baqgħu pjuttost stabbli anke f'nofs il-kriżi finanzjarja, meta xi wħud kienu qed jipprevedu perjodu ta' deflazzjoni, u meta r-rati tal-inflazzjoni nbidlu temporanjament għal rati negattivi, jista' jitqies bħala prova essenzjali tal-kredibilità tal-politika monetarja tal-BĊE.

Ir-reazzjoni f'waqtha u kuraġġuża tal-BĊE, meta faqqgħet il-kriżi finanzjarja u meta din żvilluppat fi kriżi sħiħa, hija eżempju ieħor tas-suċċess tal-politika monetarja tal-BĊE. It-tnaqqis tar-rati ta' interess tal-politika għal livelli baxxi ħafna u l-introduzzjoni ta' diversi miżuri li mhumiex standard huma xhieda tal-kapaċità tal-BĊE li jaġixxi minnufih meta jkun hemm bżonn. Flimkien mal-miżuri ta' appoġġ tal-gvernijiet għas-settur finanzjarju u l-miżuri ta' stimulu fiskali adottati fil-kuntest tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku tal-aħħar tal-2008, il-politika monetarja għenet biex jiġi evitat li s-sitwazzjoni tispiċċa agħar milli diġà spiċċat.

Dawn il-fatti kollha juru li kemm l-istrateġija u kemm il-qafas għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja tfasslu b'mod tajjeb. F'dan ir-rigward, nagħti importanza kbira lid-dikjarazzjoni ta' kjarifika li ħriġna f'Mejju 2003 wara li analizzajna bir-reqqa kif jaħdem il-qafas monetarju tagħna, biċċa xogħol li fiha pparteċipajt b'mod attiv. Nixtieq nenfasizza ħames punti ta' dik id-dikjarazzjoni. L-ewwel, l-objettiv ġdid u kwantifikat għall-istabilità fil-prezzijiet, definita bħala inflazzjoni "taħt iżda qrib it-2%" li tipprovdi marġni ta' sikurezza suffiċjenti li sservi ta' protezzjoni kontra r-riskji tad-deflazzjoni filwaqt li fl-istess ħin tindirizza l-kwistjoni tal-preżenza possibbli ta' xaqlib fil-kejl fl-HICP u l-implikazzjonijiet tad-divrenzjali tal-inflazzjoni fi ħdan iż-żona tal-ewro.

It-tieni punt huwa relatat mal-assenjazzjoni evidenti ta' perjodi ta' żmien differenti liż-żewġ pilastri preċedenti u mat-trattament, l-ewwel u qabel kollox, tal-analiżi ekonomika li hija tassew rilevanti għall-orizzont operazzjonali tal-politika, punt imqajjem fil-komunikazzjoni tagħna. It-tielet aspett jindika li l-analiżi monetarja hija rilevanti ħafna għat-tendenzi fuq il-medda medja sa twila tal-inflazzjoni, u jsemmi b'mod speċifiku li "l-analiżi monetarja prinċipalment isservi ta' mezz ta' analiżi bir-reqqa, minn perspettiva medja sa twila, tal-

indikazzjonijiet fuq medda qasira sa dik medja, li jirriżultaw mill-analiżi ekonomika". Ir-raba' punt jirriżulta mill-intenzjoni li jiġi enfasizzat l-orizzont fuq il-medda medja sa twila tal-analiżi monetarja u wassalna biex niddeċiedu biex "ma nibqgħux inwettqu reviżjoni tal-valur ta' referenza fuq bażi annwali". Finalment, l-aħħar punt huwa marbut mal-idea li "l-analiżi monetarja ser tikkunsidra l-iżviluppi f'firxa wiesgħa ta' indikaturi monetarji inkluż l-M3, il-komponenti u l-kontopartijiet tiegħu, notevolment il-kreditu". Jekk ikun hemm riflessjoni bir-reqqa fuqhom, dawn id-diversi punti jpoġġu f'perspettiva ċara l-irwol tal-aspetti differenti tal-analiżi tal-informazzjoni komprensiva u sħiħa li napplikaw biex nevalwaw ir-riskji tal-inflazzjoni.

Madankollu, id-daqs u l-gravità tal-kriżi finanzjarja reċenti titlob riflessjoni dwar kif titmexxa l-politika f'diversi livelli, inkluż il-qasam monetarju. B'mod partikulari, il-kriżi ressqet fuq quddiem il-kwistjonijiet relatati mal-fatturi finanzjarji, ir-riskju sistemiku u l-istabilità finanzjarja. L-idea tradizzjonali li l-istabilità tal-prezzijiet fis-suq tal-prodotti u s-servizzi tipprovdi wkoll ambjent li jiżgura stabilità finanzjarja, tħassret minn avvenimenti matul l-aħħar ftit snin li juru suċċessjoni ta' bżieżaq fil-prezzijiet tal-assi koeżistenti ma' reġimi ta' inflazzjoni baxxa. Filwaqt li l-istrumenti ta' regolazzjoni u superviżjoni prudenzjali huma prominenti fit-trattament ta' kwistjonijiet ta' stabilità finanzjarja, l-effetti ta' diżintegrazzjoni kkawżati minn żidiet u tnaqqis f'daqqa fil-prezzijiet tal-assi, kif rajna fil-kriżi attwali, reġgħu qajmu d-dibattitu dwar il-kunsiderazzjoni tal-prezzijiet tal-assi fit-tmexxija tal-politika monetarja, kif ukoll dwar l-irwol tal-kreditu totali. Aħna bdejna nwettqu l-evalwazzjoni tal-istrateġija monetarja, li semmejt qabel, ħames snin wara t-twaqqif tal-unjoni monetarja u jista' jkun li minħabba l-konsegwenzi tal-kriżi li faqqgħet fl-2007 l-Kunsill ta' Tmexxija jiddeċiedi fil-futur li jagħmel evalwazzjoni ġdida tal-istrateġija. Kif qegħdin l-affarijiet bħalissa, ma narax bżonn immedjat li nagħmel xi tibdiliet jew kjarifiki rigward l-istrateġija monetarja tagħna.

**6. Ħafna drabi jingħad li minħabba l-bidliet strutturali fl-ekonomija dinjija, l-inflazzjoni m'għadhiex timmanifesta ruħha fil-prezzijiet tal-konsum iżda bdiet tidher fil-prezzijiet tal-assi. X'inhi l-pożizzjoni tiegħek dwar din id-dikjarazzjoni u x'konsegwenzi tara għall-politika monetarja?**

Matul l-aħħar żewġ deċennji l-inflazzjoni fil-prezzijiet ġiet ikkontrolata b'suċċess fl-ekonomiji industrijalizzati l-prinċipali. Inflazzjoni baxxa u stabbli mhix fenomenu "naturali" iżda sa ċertu punt hija xhieda tal-impenn tal-banek ċentrali lejn l-objettiv tal-istabilità tal-prezzijiet, kif inhu stipulat f'ħafna statuti tal-banek ċentrali madwar id-dinja. Banek ċentrali indipendenti għenu biex l-aspettattivi tal-inflazzjoni jiġu ankrati u b'hekk titnaqqas it-trażmissjoni tax-xokkijiet fil-prezzijiet relattivi fuq il-prezzijiet tal-konsum u s-salarji. Xokkijiet fil-provvista pożittiva marbutin mal-globalizzazzjoni u l-inklużjoni ta' produtturi importanti bi prezz baxx fil-kummerċ globali kienu wkoll ta' għajnuna fl-appoġġ tal-perjodu ta' inflazzjoni baxxa.

Fl-istess ħin, madankollu, qed nosservaw oxxillazzjonijiet kbar f'għadd ta' prezzijiet ta' oġġetti u assi. Min-naħa l-waħda l-globalizzazzjoni fil-prodotti u s-servizzi u d-domanda li qed tiżdied mill-ekonomiji emerġenti, kellhom impatt evidenti fuq il-prezzijiet taż-żejt, il-gass u materja prima oħra. Min-naħa l-oħra, sistema finanzjarja li dejjem qed issir iktar globalizzata u li mhix regolata biżżejjed, stimulata minn likwidità globali ampja, wasslet għal ħafna allinjamenti ħżiena tal-prezzijiet tal-assi, li kienu l-iktar notevoli waqt il-kriżi

finanzjarja reċenti. L-esperjenza matul l-aħħar sentejn u nofs wasslet lill-ħafna osservaturi biex jiddubitaw mill-irwol tal-politika monetarja fil-kontroll tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-assi. Bank ċentrali għandu jaġixxi b'mod dirett jew indirett għal dawn il-prezzijiet tal-assi fir-rigward ta' theddidiet futuri possibbli għall-istabilità tal-prezzijiet? Jistgħu l-banek ċentrali jkunu jafu liema żidiet f'daqqa fil-prezzijiet tal-assi huma bżieżaq? Dawn huma mistoqsijiet importanti u għal ħafna minnhom għad m'hemmx tweġiba li hija totalment sodisfaċenti.

Il-perspettiva ta' kunsens, li tippreċedi l-kriżi, dwar il-politika monetarja u l-prezzijiet tal-assi ddubitat mill-abilità tal-banek ċentrali li jidentifikaw allinjamenti ħżiena fil-prezzijiet tal-assi, fil-ħin reali, u assumiet li l-iżgurar ta' inflazzjoni baxxa fis-suq tal-prodotti u s-servizzi tkun biżżejjed biex jiġu evitati allinjamenti sinifikattivament ħżiena tal-prezzijiet tal-assi. Fir-rigward ta' dan il-kunsens, ġie enfasizzat li tħaffif deċiżiv tal-kundizzjonijiet monetarji wara li tinfaqa' l-bużżieqa jkunu biżżejjed biex tiġi appoġġjata attività ekonomika reali u biex tiġi minimizzata l-probabilità tad-deflazzjoni. Il-kriżi attwali ddubitat miż-żewġ suppożizzjonijiet u wriet biċ-ċar li l-ispejjeż ekonomiċi ta' allinjamenti ħżiena kbar tal-prezzijiet tal-assi u l-korrezzjoni sussegwenti tagħhom jistgħu jkunu devastanti. Fil-fatt, il-bżieżaq tal-prezzijiet tal-assi li kien hemm qabel faqqgħet il-kriżi, tfaċċaw f'perjodu ta' inflazzjoni ġenerali baxxa u għalkemm il-banek ċentrali jistgħu ma jantiċipawx il-ħin eżatt tat-taħlil tal-iżbilanċi finanzjarji, ħafna minn dawk li jfasslu l-politika rnexxielhom jidentifikaw l-akkumulazzjoni ta' tali żbilanċi bħala sors ta' tħassib fiż-żmien ta' qabel il-kriżi. Dan jiġġustifika li bank ċentrali għandu jimmonitorja b'mod attiv l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-assi u l-flussi tal-kreditu u r-riskji assoċjati li dawn jimplikaw għall-istabilità fil-prezzijiet matul il-medda medja ta' żmien.

F'sens superfiċjali l-banek ċentrali jikkunsidraw l-indikazzjonijiet tal-prezzijiet tal-assi meta jaħsbu dwar il-politika monetarja. Pereżempju, l-effetti tal-ġid li jirriżultaw minn żieda fil-valur tal-assi dejjem għandhom jiġu kkunsidrati peress li jinfluwenzaw id-domanda globali, u jagħmlu pressjoni fuq l-inflazzjoni. Barra minn dan l-irwol, hemm diversi argumenti kontra integrazzjoni iktar restrinġenti tal-prezzijiet tal-assi fl-objettivi tal-politika monetarja iżda dawk l-argumenti wkoll għandhom bażijiet tajba. Punt li dwaru hemm qbil ġenerali huwa li ma jistgħux jiġu definiti miri preċiżi fir-rigward tal-prezzijiet tal-assi bħala objettiv konkret tal-politika monetarja. Min-naħa l-oħra, madankollu, il-politika monetarja mhix xjenza preċiża u l-ekonomisti u l-bankiera ċentrali m'għandhomx jagħmlu l-iżball ta' ċerti teoriċi li ġew immalafamati minn Keynes bħala nies li "jippreferu jkunu żbaljati għalkollox milli bejn wieħed u ieħor ikollhom raġun". Wara kollox, id-disturbi fis-suq finanzjarju jistgħu joħolqu perjodi ta' prezzijiet li mhumiex stabbli, fi kwalunkwe waħda minn żewġ direzzjonijiet, u l-banek ċentrali m'għandhomx jassumu l-pożizzjoni asimetrika, fejn jaġixxu biss biex jevitaw il-konsegwenzi tat-tnaqqis qawwi fis-swieq finanzjarji u ma jagħmlu xejn meta tkun qed tinbena żieda qawwija fil-prezzijiet jew bżieżaq. Flimkien mal-kawtela addizzjonali li l-użu tal-politika monetarja biex jiġu kkontrollati bżieżaq li jkun għadhom qed jiffurmaw ma jwassalx għall-punt li jinħolqu reċessjonijiet li mhumiex neċessarji, jista' jagħti l-każ li jkun hemm bżonn li tiġi kkunsidrata l-attitudni ta' "intervent biex jitnaqqsu l-oxxillazzjonijiet" f'ċerti mumenti, speċjalment wara l-esperjenza tal-kriżi attwali. Madankollu, m'għandux jintesa li l-objettiv primarju adegwat tal-politika monetarja huwa li tinżamm l-istabilità fil-prezzijiet tal-prezzijiet tal-konsum matul il-medda medja ta' żmien. Min-naħa l-oħra, anke jekk għajnuna possibbli għall-politika monetarja m'għandhiex tiġi injorata f'ċerti każijiet, il-kontribut prinċipali għall-istabilità finanzjarja għandu jiġi żgurat permezz ta' strumenti differenti mir-rata ta' interess tal-polza u fil-kuntest ta' qafas iktar wiesa' ta' superviżjoni

makroprudenzjali.

## 7. Kif tevalwa l-konsegwenzi taż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt għall-politika monetarja?

Minn perspettiva tal-politika monetarja ż-żidiet fil-prezzijiet taż-żejt huma importanti tant li l-effett idum jinħass fuq il-prezzijiet tal-konsumatur. Meta dan jittieħed inkunsiderazzjoni, mhuwiex neċessarju li l-politika monetarja jkollha rwol attiv jekk iż-żidiet fil-prezz taż-żejt jaffettwaw il-prezzijiet tal-konsumatur b'mod temporarju biss.

Speċifikament, it-trażmissjoni tax-xokkijiet tal-prezzijiet taż-żejt għall-prezzijiet tal-konsumatur u tal-produttur u l-effetti eventwali ta' dawn fuq l-aspettattivi ta' inflazzjoni jirrikjedu analiżi bir-reqqa biex tiġi determinata risposta xierqa tal-politika monetarja. B'mod ġenerali, dawn l-effetti jistgħu jinqasmu f'effetti primarji u sekondarji. L-effetti primarji jista' jkollhom impatt dirett fuq il-prezzijiet tal-enerġija u għalhekk fuq il-prezzijiet tal-konsumatur u tal-produttur. Flimkien ma' dan, il-prezzijiet tal-konsumatur u tal-produttur jistgħu wkoll jiġu affettwati indirettament minħabba li l-enerġija sservi ta' fattur ta' kontribuzzjoni sinifikanti fil-manufattura u b'hekk twassal għal pressjoni taż-żieda fil-prezzijiet fuq il-komponenti li mhumiex tal-enerġija, li tista' eventwalment tiġi trasferita fuq il-prezzijiet tal-konsumatur. Sakemm dawn l-effetti primarji jibqgħu limitati, l-ekonomija tista' taġġusta għall-bidliet relattivi fil-prezz b'impatt temporanju biss fuq l-inflazzjoni tal-prezz tal-konsumatur. Il-politika monetarja m'għandha l-ebda bżonn li tieħu azzjoni.

Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li l-politika monetarja tirreaġixxi jekk l-effetti primarji jibdew jinqalbu f'effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni tal-prezz tal-konsumatur permezz ta' żviluppi fiż-żieda tal-paga u aspettattivi ogħla ta' inflazzjoni, u dan tal-aħħar hu varjabbli importanti fin-negozjati tal-paga. Jekk il-politika monetarja tonqos milli tiżgura l-aspettattivi tal-inflazzjoni fuq il-medda medja sa twila ta' żmien, iż-żieda fir-rati tal-inflazzjoni se tkun inevitabbli.

Billi torjenta ruħha aktar lejn il-medda medja sa twila ta' żmien, il-politika monetarja tal-Ewrosistema kkontribwixxiet b'mod deċiżiv għal-limitar tal-pressjonijiet tal-inflazzjoni kkawżati miż-żidiet fil-prezzijiet taż-żejt matul il-perjodu sal-2008. Bl-istess mod, hi għandha tkompli tagħmel dan waqt il-perjodi futuri taż-żidiet fil-prezzijiet taż-żejt. Jekk wieħed jimxi 'l quddiem għandu jkun verament viġilanti biex jissalvagwardja l-kredibilità permezz ta' reazzjonijiet kontra r-riskji għall-istabilità fil-prezz mingħajr ma jadotta approċċ attivist eċċessiv. F'dan il-kuntest, il-komunikazzjoni ċara u konsistenti tad-deċiżjonijiet meħuda mill-politika monetarja hi partikolarment importanti għall-kontroll tal-formazzjoni tal-aspettattiva tas-settur privat.

## 8. Bla ħsara għall-objettiv tal-istabilità tal-prezzijiet, kif, fil-fehma tiegħek, għandu l-BĊE jissodisfa l-obbligi sekondarji tiegħu skont it-Trattat (biex jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u għat-tnaqqis fir-rata tal-qgħad) u liema strumenti għandu juża l-BĊE biex jagħmel dan?

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (l-Art. 127) jistipola li l-għan primarju tal-BĊE/Ewrosistema għandu jkun li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet. L-idea ta' obbligi sekondarji tal-BĊE tirreferi għat-tieni silta fl-Art. 127, li ssostni li bla ħsara għall-għan tal-

istabilità tal-prezzijiet, il-BĊE/Ewrosistema għandu jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bl-għan li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tal-Unjoni kif stipolati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3 jsemmi, inter alia, it-tkabbir ekonomiku bilanċjat u t-tnaqqis fir-rata tal-qgħad bħala għanijiet tal-Unjoni.

It-tifsira u l-konsegwenzi operazzjonali ta' dan l-objettiv sekondarju ġew diskussi fit-tul. Hemm kunsens ġenerali li fl-aħħar mill-aħħar m'hemm ebda kompromess bejn l-inflazzjoni u tkabbir jew, biex tingħad b'mod aħjar, l-aqwa mod ta' kif il-politika monetarja tista' tappoġġja r-rata ta' tkabbir fil-medda twila ta' żmien huwa billi żżomm l-istabilità tal-prezzijiet, minħabba li dan jippromwovi l-effiċjenza f'ekonomija tas-suq deċentralizzata. Politika monetarja li hi kredibbilment iffukata fuq l-istabilità tal-prezzijiet hi l-aktar kontribuzzjoni effettiva għal tkabbir ekonomiku permanenti u għal livelli għolja ta' impjieg. Din l-istqarrija hi bbażata fuq l-osservazzjonijiet miksuba mill-esperjenza storika u mir-riċerka akkademika, li l-politika monetarja ma tistax tagħti impetu permanenti għall-valuri reali lil hin miż-żamma kredibbli tal-istabilità tal-prezzijiet.

L-istabilità tal-prezzijiet tikkontribwixxi għall-benesseri u t-tkabbir ekonomiku billi telimina t-tagħwiġ relatat mal-inflazzjoni. Ambjent ta' prezzijiet stabbli jippermetti lin-nies jikkonċentraw fuq attivitajiet produttivi minflok fuq strateġiji biex jipproteġu ġidhom u d-dħul tagħhom mill-inflazzjoni. Dan, b'mod partikolari, jibbenefikaw minnu l-aktar gruppi dgħajfa tas-soċjetà, li għandhom possibilitajiet verament limitati biex jipproteġu lilhom nfushom mill-effetti tal-inflazzjoni. Benefiċċju importanti ieħor tal-istabilità tal-prezzijiet hu li din tnaqqas il-primjums tar-riskju tal-inflazzjoni f'rati ta' interessi fil-medda twila ta' żmien. Għalhekk, kontra l-fehma, li okkażjonalment tiġi espressa, li politika monetarja bl-għan tal-istabilità se tirriżulta f'rati tal-interessi reali eċċessivament għoljin, fil-fatt politika monetarja li tirrigwarda l-istabilità tal-prezzijiet se tikkawża nuqqas fir-rati tal-interessi reali u b'hekk iżżid l-inċentivi għall-investiment. Għalhekk, l-istabilità tal-prezzijiet tevita milli l-kategoriji tat-taxxa nominali b'mod progressiv iżidu, tul iż-żmien, l-inċidenza reali tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u dan jista' jikkawża inċentiv anqas attraenti biex ikun hemm provvista ta' xogħol u kapital u b'hekk jillimita l-perspettivi tat-tkabbir tal-ekonomija fil-medda twila ta' żmien.

L-argumenti preċedenti kollha jindikaw għala m'hemm l-ebda kompromess fil-medda twila ta' żmien bejn l-istabilità u t-tkabbir tal-prezzjiet, iżda s-sitwazzjoni hi differenti fil-medda qasira ta' żmien, fatt li jidher biċ-ċar meta jkun hemm xokk ikkawżat min-naħa tal-provvista jew tal-ispejjeż fejn il-politika monetarja m'għandhiex tirrispondi immedjatament minkejja ż-żieda temporanja fl-inflazzjoni ġenerali. Il-kisba kredibbli tal-istabilità tal-prezzijiet tkompli trawwem l-istabilità ġenerali makroekonomika, minħabba li l-aspettattivi tal-inflazzjoni huma ankrati b'mod sod. Minħabba f'hekk, ix-xokkijiet ta' provvista negattiva, bħal żieda fil-prezzijiet taż-żejt, għandhom anqas effett fuq l-inflazzjoni, u l-politika monetarja tkompli għaddejja b'mod aktar moderat u regolari meta tiffaċċjata b'tali xokkijiet.

B'mod aktar ġenerali, jekk wieħed jaċċetta l-kunċett li l-ekonomija għandha tendenza spontanja li tmur lura għal kif kienet ilha topera għal medda twila ta' żmien, hemm kompromess għal medda qasira ta' żmien minħabba li l-politika makroekonomika taffettwa kemm tgħaġġel dik il-konverġenza u tista' tevita milli jkun hemm instabilità ogħla fil-produzzjoni, u b'hekk jiżdied il-benesseri ġenerali. Minkejja dan, hu diffiċli li jiġi sfruttat dan il-kompromess f'mandat ġerarkiku.

Jien nieħu bis-serjetà t-tieni objettiv stipolat fit-Trattat, li l-BĊE ilu jindirizza b'mod ċar f'din il-kriżi. Pereżempju, wara li faqqgħet il-kriżi ta' Lehman, aħna aġixxejna b'mod veloċi u qawwi biex nevitaw li taqa' s-sistema bankarja u biex nevitaw il-konsegwenzi tar-reċessjoni u deflazzjoni li din kieku ġġib magħha. Barra milli naqqset ir-rati ta' interess b'mod drammatiku, l-Ewrosistema tat is-sehem tagħha fl-appoġġ tat-tkabbir tal-kreditu, jiġifieri billi pprovdiet likwidità ampja lis-sistema bankarja, permezz tax-xiri tal-bonds garantiti u b'hekk ikkontribwixxiet sabiex dan is-suq importanti jerġa' jqum fuq saqajh, u billi aċċettat lill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala kontroparti għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja. Naħseb li ma tantx hemm dubju dwar il-fatt li dawn l-azzjonijiet għenu biex titnaqqas l-intensità tar-reċessjoni.

**9. Kif tevalwa l-istrateġija tal-ħruġ tal-BĊE? Għandu jkun hemm kunsens globali dwar l-istrateġiji tal-ħruġ monetarji? Għandu jkun hemm kunsens bejn l-istrateġiji tal-ħruġ monetarji u fiskali?**

L-istrateġija tal-ħruġ tal-BĊE tinkludi tneħħija gradwali tal-miżuri mhux standard introdotti bħala risposta għall-kriżi finanzjarja. L-approċċ gradwali għall-ħruġ hu neċessarju minħabba l-vulnerabilitajiet tal-ekonomija reali u tas-sistema finanzjarja. L-avviż tal-BĊE dwar l-ewwel passi tat-tneħħija tal-miżuri mhux standard li saru f'Diċembru 2009, għandu eżattament dan l-għan. Jien nappoġġja bis-sħiħ din l-istrateġija. Tneħħija gradwali tippermetti lill-partijiet kollha involuti biex jaġġustaw għall-kundizzjonijiet il-ġodda, filwaqt li tagħti l-possibilità lill-BĊE li jirċievi rispons dwar it-tneħħija qabel ma jiddeċiedi dwar il-passi li jmiss. Nixtieq nenfasizza li t-tneħħija ċertament se tibbenifika mid-diżinn tal-miżuri mhux standard, li jiffaċilita tneħħija kemm jista' jkun bla xkiel.

Id-dikjarazzjoni tal-Laqgħa tal-G20 tal-Ministri tal-Finanza u tal-Gvernaturi tal-Bank Ċentrali tas-7 ta' Novembru 2009 (f'St Andrews), titkellem b'mod ċar dwar il-fatt li wieħed jitbiegħed mill-miżuri straordinarji ta' appoġġ makroekonomiċi u finanzjarji: Aħna ftehimna li nikkoperaw u nikkoordinaw, filwaqt li nieħdu inkunsiderazzjoni kwalunkwe riperkussjoni kkważata mill-istrateġiji tagħna, u fejn ikun possibbli nikkonsultaw u naqsmu l-informazzjoni.

L-ispirtu ta' din l-istqarrija qiegħed fuq l-istess linji tal-istrateġija tal-BĊE. Kif ġie sostnut ripetutament mill-Kunsill Governattiv, il-bażi tal-istrateġija tal-ħruġ tal-BĊE hi r-rabta ċara mal-għan primarju tal-istabilità tal-prezzijiet. L-azzjonijiet kollha li ttieħdu fil-kriżi ttieħdu definittivament minħabba dan l-għan primarju. Meta titfassal il-valutazzjoni fil-ħin reali tar-riskji għall-istabilità tal-prezzijiet, jittieħdu inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet meħuda minn banek ċentrali oħra. Għalhekk, filwaqt li hija x-xewqa ta' ħafna li jkun hemm skambju tal-informazzjoni u tal-għajnuna operazzjonali oħra, jidher li m'hemm awtorizzat l-ebda kunsens tal-politika monetarja. Flimkien ma' dan, filwaqt li l-kriżi kienet sinkronizzata f'livell globali, l-irkupru għandu tendenza li jkun aktar eteroġenu, fatt li minnu nnifsu jirrikjedi veloċitajiet differenti fit-tneħħija tal-grad tal-akkomodazzjoni monetarja.

Hemm kunsens mifrux dwar il-fatt li l-banek ċentrali prinċipali kollha għandhom jadattaw il-ħruġ mill-miżuri ta' politika straordinarji għall-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-ekonomija rispettiva. Fl-istess ħin, hu ċar li l-koperazzjoni internazzjonali, bħal fil-każ tal-konsultazzjonijiet tal-G20 jew tal-laqgħat regolari tal-Gvernaturi organizzati mill-Bank għall-

Ħlasijiet Internazzjonali, kienet verament utli fil-passat u se tibqa' hekk fil-futur.

Fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-politika fiskali, ta' min wieħed isemmi li m'għandux ikun hemm koordinazzjoni ex ante. Kull min ifassal il-politika għandu jikkonċentra fuq l-ambitu ta' responsabilità tiegħu u din għandha twassal għal-politika t-tajba. Ovvjament, l-isforzi tal-konsolidazzjoni fiskali mill-gvernijiet taż-żona tal-ewro jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tkun qiegħda titħejja l-istima, fil-ħin reali, tar-riskji tal-istabilità tal-prezzijiet. Min-naħa l-oħra, meta jkunu qed jiddeċiedu dwar il-pożizzjoni tal-politika fiskali l-Gvernijiet jafu li l-Ewrosistema tirreaġixxi għal kwalunkwe riskju għar-rata ta' infiltrazzjoni li teċċedi l-objettiv uffiċjali għal politika monetarja. Fil-mudelli ekonomiċi moderni, fatturi varjabbli bħall-qabża bejn ir-riżultati ta' produzzjoni, għandhom rwol ċentrali għall-ispjegazzjoni tar-riskji, fuq medda qasira ta' żmien, għall-istabilità tal-prezz u dan l-għerf għandu jwassal għal implimentazzjoni spontanja u awtonoma tat-taħlita politika xierqa. Iżda ma jistax ikun hemm, u mhux se jkun hemm impenn minn qabel għal proċess partikolari tat-tfassil tal-azzjoni tal-politika monetarja. Hemm skambju ta' informazzjoni regolari bejn il-BĊE u l-gvernijiet tal-pajjiżi taż-żona tal-ewro. Minkejja dan, il-koordinazzjoni bejn il-BĊE u l-gvernijiet taż-żona tal- ewro m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu stipolat fit-Trattat.

**10. X'inhi l-perspettiva tiegħek dwar l-esponiment asimmetriku tal-Istati Membri għal strateġija tal-ħruġ tal-BĊE? X'għandu jsir għal mitigazzjoni tiegħu?**

L-eteroġeneità hija fattur intergali għal mod kif jitħaddem l-aġġustament fiż-żona tal-ewro. Minkejja dan, minn meta bdiet tintuża l-munita tal-ewro, u kontra ċerti opinjonijiet popolari, it-tkabbir tal-PGD u d-divrenzjali ta' inflazzjoni fost il-pajjiżi taż-żona tal-ewro kienu f'livelli storikament baxxi. Naturalment, il-politika monetarja per se ma tistax u anqas m'għandha timmira li tnaqqas dawn id-divrenzjali. Il-premessa tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja hi allokazzjoni ċara tar-responsibilitajiet fost dawk li jfasslu l-politika; impenn ta' dawk li jfasslu l-politika li jkunu kemm monetarji kif ukoll dawk li ma jkunux monetarji (fosthom, b'mod partikolari, l-awtoritajiet fiskali) biex jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom; u għadd ta' salvagwardji li jiżguraw li l-partiti kollha jikkonformaw mar-regoli. Il-politiki makroekonomiċi taż-żona ewro għandhom jiġu ggwidati minn dawn il-prinċipji bażiċi li huma l-bażi li fuqha ġie ffirmat il-kuntratt tal-EMU.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, l-akbar tħassib dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-ħruġ monetarju tal-BĊE hu u għandu jkun li tinżamm l-istabilità tal-prezz fiż-żona tal-ewro b'mod ġenerali. Dan l-impenn tal-Ewrosistema jipprovdi l-ankrar nominali li jaġixxi ta' strument ta' koordinazzjoni impliċita li hu l-iktar importanti għall-atturi l-oħra kollha, anke dawk li jfasslu l-politika fiskali, bid-diversi responsibilitajiet tagħhom, b'mod partikolari waqt li jkunu qed ifasslu l-politiki ta' ħruġ u ta' aġġustament tagħhom. Dan l-ankrar m'għandux jitpoġġa f'riskju, partikolarment mhux fil-kuntest tar-riskju għall-istabilità finanzjarja.

Aktar minn hekk, f'unjoni monetarja, il-pajjiżi għandhom jużaw l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw l-aġġustament tagħhom, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-politika fiskali. Il-"ħruġ fiskali" – jew aħjar minn hekk, l-"aġġustament fiskali" – li se jkun neċessarju għas-snin li ġejjin għandu tendenza li jkun ta' sfida akbar għall-gvernijiet milli hi t-tneħħija ta' miżuri mhux standard għall-Ewrosistema. Waqt il-kriżi, il-gvernijiet għamlu sew li ppermettew id-defiċits jespandu biex b'hekk il-politika fiskali pprovdiet appoġġ lill-ekonomija f'medda ta' żmien qasira. Iżda llum il-ġurnata, id-defiċits tal-

gvern huma għoljin – u tabilħaqq għoljin ħafna f'bosta pajjiżi – il-proporzjonijiet bejn id-dejn u l-PGD tal-gvern huma għoljin u qed jiżdiedu; u l-attenzjoni tas-swieq finanzjarji qiegħda dejjem tinġibed lejn il-kwistjonijiet ta' solvenza tal-gvern. Għalhekk, hemm bżonn li tittieħed azzjoni immedjata biex is-sitwazzjoni fiskali titranġa. Il-kwistjoni ewlenija għall-politika fiskali f'dan il-punt mhix kwistjoni ta' "jekk għandux jinbeda" l-issikkar fiskali iżda ta' "kemm se jiswa" u ta' "kemm għad fadallu" biex dan jibda jsir. It-twettiq xieraq se jiddependi minn kemm iddum ma tirkupra l-ekonomija tas-settur privat. Sakemm il-politika fiskali ma tkunx sostenibbli ladarba jkun għad hemm żieda fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern, l-ispejjeż imġarrba biex l-aġġustament jiġi estiż aktar se jeċċedu l-ispejjeż li kienu jiġġarrbu li kieku ttieħdet azzjoni qabel.

Flimkien mal-politika fiskali, politika tal-aġġustament oħra turi li l-awtoritajiet superviżorji fiskali għandhom jimmonitorjaw is-sitwazzjoni fis-sistema finanzjarja tagħhom u jittrattaw, b'mod deċentralizzat, il-problemi okkażjonali li jistgħu jiltaqgħu magħhom. Kollox ma' kollox ninsab fiduċjuż li se jkun hemm ħruġ mingħajr xkiel.

**11. "X'miżuri għandhom jittieħdu mill-BĊE sabiex jiġu evitati s-sussidji u t-tagħwiġ impliċiti li jirrigwardaw l-aċċettazzjoni ta' sett aktar wiesa' ta' garanziji permezz taż-żieda fl-appoġġ ta' kreditu wara Ottubru 2008?"**

Qafas kollaterali wiesa' għandu jkun kombinat ma' miżuri xierqa biex jiżgura, l-ewwel u qabel kollox, li l-Ewrosistema tkun imħarsa minn riskji finanzjarji kif ukoll li l-inċentivi jinżammu għall-banek biex jimmaniġġjaw b'mod prudenti r-riskju ta' likwidità tagħhom. L-ewwel miżura għad-dispożizzjoni tal-bank ċentrali għandha l-għan li tiżgura valutazzjoni preċiża tal-assi nonlikwidi u l-applikazzjoni tat-tnaqqis xieraq biex jispjega n-nonlikwidità tal-ass. Dan jirrikjedi titjib kostanti tal-miżuri tal-kontroll tar-riskju, pass li l-Ewrosistema diġà ħadet qabel ma faqqgħet il-kriżi tas-suq finanzjarju, u b'rata aktar mgħaġġla minn dakinhar. It-tieni miżura tirrigwarda l-proċeduri tas-sejħa għall-offerti applikati fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja. Il-proċeduri kompetittivi għas-sejħa tal-offerti, kif applikati mill-Ewrosistema qabel ma faqqgħet il-kriżi, jiżguraw l-ipprezzar adegwat tal-ħila li jkun hemm finanzjament mill-ġdid ta' ass mal-bank ċentrali. It-tielet miżura, li attwalment titħejja mill-Kumitat ta' Basel fil-kuntest tar-reviżjoni tar-regolament dwar ir-riskju ta' likwidità, tirrigwarda l-impożizzjoni ta' politiki superviżjorji u prudenzjali aktar stretti rigward il-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità. Flimkien ma' dan, dawn il-miżuri għandhom jiżguraw iż-żamma tal-inċentivi għall-kontropartijiet biex jimmaniġġjaw u jkejlu r-riskju ta' likwidità b'mod prudenti.

Fir-rigward tal-evitar ta' sussidji jew tagħwiġ għandu jiġu enfasizzat li l-Ewrosistema għandha għad-dispożizzjoni tagħha qafas adegwat għall-kontroll tar-riskju li jimminimizza r-riskju. Il-profil tar-riskju ta' diversi assi hu mmonitorjat b'reqqa u hu anqas likwidu, u l-aktar assi riskjużi huma soġġetti għal *haircuts* (trimjar) ogħla minn dak tal-assi li jkunu aktar siguri u likwidi. Flimkien ma' dan, l-Ewrosistema timmonitorja b'mod kostanti l-valur tal-garanziji u tista' tagħmel sejħiet marġinali jekk tqis li dan hu neċessarju sabiex iżżomm il-garanziji f'konformità mal-linji gwida.

## 12. **“X’taħseb dwar ir-riskju ta’ taħlil fir-rigward tal-volum enormi ta’ titoli sostnuti mill-assi (ABS) li l-BĊE aċċetta bħala garanzija?"**

Il-kontropartijiet tal-Ewrosistema jistgħu jużaw sett mifrux ta’ assi negozjabbli u mhux negozjabbli, bħala garanzija fl-operazzjonijiet tal-BĊE. L-assi negozjabbli jinkludu firxa vasta ta’ titoli bħal strumenti ta’ dejn maħruġa mill-gvern, mill-banek ċentrali, u l-istituzzjonijiet tal-kreditu[1]. It-titoli sostnuti mill-assi (ABS) huma għalhekk tip wieħed biss li jista’ jintuża bħala garanzija fl-operazzjonijiet tal-BĊE.

S’issa l-ammont tal-garanziji disponibbli għall-operazzjonijiet tal-BĊE kienu biżżejjed, anke matul il-kriżi attwali, biex jiġi garantit l-aċċess tal-kontropartijiet għal-likwidità tal-Ewrosistema. Fil-fatt, matul l-aħħar ftit snin, il-garanzija li ngħatat ikkorrispondiet ma’ sehem relattivament żgħir tal-assi totali eleġibbli u ma’ aktar mid-doppju tal-kreditu pendenti mill-Ewrosistema.

Fir-rigward tal-ABS b’mod partikolari, nixtieq infakkar li meta l-Kunsill Governattiv iddeċieda dwar it-tkabbir tal-lista tal-assi eleġibbli, żamm regoli aktar stretti fuq l-ABS, b’kunsiderazzjoni tar-riskju tal-kreditu u l-likwidità ta’ dawn l-assi. L-istimi minimi għall-eliġibilità tal-ABS inżammu bħala A- u, wara r-riżultat tar-reviżjoni ta’ kull sentejn tal-miżuri tal-kontroll tar-riskju f’Settembru 2008, l-ABS ġew ikklassifikati taħt kategorija aktar baxxa tal-likwidità, li timplika *haircut* ta’ 12% (*haircut* addizzjonali hija applikata għall-ABS soġġetti għal valutazzjoni teoretika, jiġifieri, dawk li huma l-inqas likwidi). F’Jannar 2009, il-Kunsill Governattiv kompla jirfina l-miżuri tal-kontroll tar-riskju għall-ABS bl-objettiv ta’ kontribuzzjoni għal restituzzjoni ta’ funzjonament xieraq tas-suq tal-ABS. Din ir-restituzzjoni inkludiet sistema ta’ rati minimi AAA mal-ħruġ mogħti miż-żewġ aġenziji tas-sistema ta’ rati (biż-żamma tal-A għall-bqija taż-żmien tal-ABS) u l-projbizzjoni ta’ blokok oħra tal-ABS fil-ġabra bażi tal-ABS eleġibbli.

F’dan l-isfond, ir-riskji eventwali tat-taħlil meta wieħed jikkunsidra l-ammont tal-ABS fil-garanzija huma minimi kemm għall-Ewrosistema, minħabba l-qafas tal-immaniġjar tar-riskji, kif ukoll għas-sistema bankarja, minħabba sett tal-assi eleġibbli disponibbli.

## 13. **Fl-isfond tad-defiċits pubbliċi li qed jogħlew u l-proporzjonijiet tad-dejn, u tal-fatt li 13 minn 16-il Stat Membru taż-żona ewro huma soġġetti għal proċedura ta’ defiċit eċċessiv, x’inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-implimentazzjoni attwali tal-Patt ta’ Stabilità u Tkabbir?**

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja żgurat li l-politika fiskali fl-2009 ma tibqax daqstant stretta. L-adozzjoni ta’ miżuri kkoordinati ta’ stimolu fiskali, madankollu, wessgħet il-qafas fiskali stipulat fit-Trattat u fil-Patt ta’ Stabilità u Tkabbir (PST). Il-PST jippermetti ammont ta’ flessibilità meta wieħed jiġi biex jistabbilixxi dati ta’ skadenzi għall-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi fid-dawl ta’ ċirkostanzi speċjali jew mibdula. Minħabba li r-reċessjoni profonda kkombinata mal-kriżi tas-suq finanzjarju madwar id-dinja tikkostitwixxi ċirkustanzi speċjali, il-Kummissjoni u l-Kunsill ECOFIN huma tal-opinjoni li d-dati ta’ skadenzi għall-korrezzjoni tad-defiċits eċċessivi attwali għandhom jiġu stabbiliti f’qafas ta’ żmien medju. Madankollu,

[1] Għad-dettalji ara *Dokumentazzjoni Ġenerali dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Ewrosistema, BĊE, 2009.*

għal ħafna mill-Istati Membri, l-aġġustament strutturali annwali meħtieġ biex jissodisfa d-dati ta' skadenzi huwa eżiġenti ħafna, billi jirrekjedi miżuri addizzjonali mdaqqsa. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni attwali tal-PST tidher adegwata u għandha tkun implimentata b'mod rigoruż.

F'xi pajjiżi, id-defiċits żdiedu għal livelli b'żewġ ċifri, biex b'hekk jikkoinċidu mat-tnaqqis fil-klassifikazzjoni tal-gvernijiet u mar-reazzjonijiet avversi tas-suq finanzjarju. Jekk il-gvernijiet ma jnedux mill-aktar fis il-ħruġ minn sistema baġitarja inqas stretta u relatata mal-kriżi, huwa previst li d-dejn tal-gvern fiż-żona tal-ewro ma jdumx ma jilħaq livelli ogħla mill-100% tal-PGD.

Dawn l-iżviluppi jistgħu jikkawżaw ħsara kbira lill-fiduċja tal-pubbliku fis-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u, b'hekk, jeżerċitaw effett destabilizzanti fiż-żona tal-ewro, fit-totalità tagħha. Għalhekk, l-implimentazzjoni stretta u sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-PST hija ta' importanza kbira għar-restawr tas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi u għall-iżgurar ta' funzjonament tajjeb tal-EMU. Il-Kunsill ECOFIN, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-PST, approva r-rakkomandazzjonijiet għall-korrezzjonijiet tad-defiċits eċċessivi fil-pajjiżi taż-żona tal-ewro u, ħafna drabi, stabbilixxa data ta' skadenza sal-2013. Evidentement, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala sforz minimu meħtieġ għar-restituzzjoni tal-pożizzjonijiet fiskali siguri u sostenibbli. Issa hija r-responsabilità ta' dawk li jfasslu l-politika nazzjonali li jwettqu l-impenji tagħhom skont il-Qafas Fiskali Ewropew u li jadottaw strateġiji ta' konsolidazzjoni fiskali kredibbli u speċifiċi.

**14. Fl-opinjoni tiegħek, il-proċeduri previsti fil-Patt ta' Stabilità u Tkabbir huma biżżejjed biex jiżguraw li l-Istati Membri se jerġgħu lura għad-dixxiplina baġitarja u għas-sostenibilità fil-medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi? Kif jistgħu jintużaw ir-regoli tal-Patt biex, qabel xejn, tiġi evitata proċedura ta' defiċit eċċessiv? X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-prestazzjoni f'waqtha tal-Istati Membri fir-rigward tat-tnaqqis tad-defiċit globali tagħhom?**

Il-qafas fiskali eżistenti tal-UE, kif inkluż fid-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat u l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, jipprovdi l-prekundizzjonijiet legali u istituzzjonali għall-ksib u ż-żamma f'kundizzjoni tajba tal-finanzi pubbliċi. B'mod partikolari, il-limiti massimi tad-defiċit u tad-dejn, kif ukoll l-Objettivi Baġitarji fuq Medda ta' Żmien Medja jistabbilixxu livelli minimi standard li huma komuni u konsistenti għal prudenza fiskali madwar l-Istati Membri kollha. Għalhekk, jekk jiġu rrispettati u implimentati b'mod strett, iservu ta' għodda adattata biex jiġu ankrati u koordinati strateġiji ta' konsolidazzjoni fiskali u biex il-finanzi pubbliċi jintużaw b'mod sostenibbli.

Fl-istess ħin, sabiex dawn id-dispożizzjonijiet ikunu effettivi, l-Istati Membri għandhom iwettqu r-responsabilitajiet tagħhom skont il-Patt. F'dan ir-rigward, hija meħtiega implimentazzjoni nazzjonali aktar b'saħħitha tal-qafas fiskali tal-UE. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom isaħħu l-istituzzjonijiet baġitarji domestiċi tagħhom biex jippermettu qagħda fiskali orjentata fuq il-prudenza u l-istabilità, notevolment f'waqtha, li tinħtieġ biex jintlaħqu miri komuni stabbiliti mill-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Dawn l-istituzzjonijiet għandu wkoll ikollhom l-għan li jżidu l-prudenza fiskali, anki fi żminijiet mhux ta' kriżi, li huwa suġġerit speċifikament fid-dawl ta' esperjenzi riċenti fl-Istati Membri: filwaqt li t-

tnaqqis minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika affettwa bil-kbir lill-finanzi pubbliċi, il-grad ta' deterjorament baġitarju f'ħafna pajjiżi jirrifletti wkoll falliment tal-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom fi żminijiet ta' kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli. B'mod partikolari, dawk il-pajjiżi li kellhom pożizzjonijiet fiskali dgħajfa jew vulnerabbli fil-bidu tal-kriżi, ġeneralment issa jiffaċċjaw ħtiġijiet aktar urġenti ta' aġġustament fiskali.

**15. Kif tevalwa r-relazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-BĊE, il-Kunsill u/jew l-Ewrogrupp? Taħseb li l-koordinazzjoni u s-sorveljanza ekonomika fl-Ewrogrupp għandhom jitjiebu abbażi tat-Trattat ta' Liżbona?**

Il-BĊE jipparteċipa fl-laqgħat tal-Kunsill ECOFIN - li huwa l-forum prinċipali għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri – kull meta jiġu diskussi l-kwistjonijiet li jirrelataw mal-objettivi u x-xogħol tal-BĊE. Barra dan, il-BĊE attenda l-laqgħat tal-Ewrogrupp.

Ir-relazzjonijiet bejn il-BĊE u l-Kunsill (ECOFIN) jew l-Ewrogrupp mhux kollha jimxu fl-istess direzzjoni. Fil-fatt it-Trattat (u l-istatut tal-SEBĊ u tal-BĊE) espliċitament jipprovdi possibilità lill-President u lill-Kunsill li jipparteċipaw f'laqgħat tal-Kunsill Governattiv u l-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Fil-prattika, il-President tal-Ewrogrupp jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Governattiv (fl-istess ħin it-Trattat espressament jeskludi kwalunkwe dritt ta' votazzjoni mill-parti tal-President tal-Kunsill meta jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE).

Din l-interazzjoni fl-ogħla livelli ttejjeb it-tmexxija tal-informazzjoni bejn il-partijiet involuti, tippromwovi ftehim reċiproku tal-viżjoni tal-politka ta' xulxin u tippermetti djalogu fuq il-kwistjonijiet ta' interess komuni, b'rispett sħiħ tar-responsabilitajiet rispettivi. B'mod partikolari, il-laqgħat ta' kull xahar tal-Ewrogrupp, lejliet il-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN, jipprovdu forum għad-diskussjoni fost dawk li jfasslu l-oqsma tal-politika taż-żona tal-ewro konnessi mar-responsabilitajiet speċifiċi maqsuma bejniethom għal munita unika u jistabbilixxu fażi għal djalogu miftuħ fi klima ta' fiduċja u rispett reċiproku.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-perjodu minn meta nħoloq il-BĊE fl-1998, jara li din l-interazzjoni ssaħħet biż-żmien. B'mod partikolari, l-inkwiet finanzjarju f'Awwissu 2007 jimmarka l-bidu ta' djalogu aktar intens bejn il-BĊE u l-Kunsill ECOFIN.

Is-sorveljanza taż-żona tal-ewro teħtieġ aktar koordinazzjoni. Din tapplika b'mod partikolari għal żewġ oqsma ta' politika, speċjalment il-kompetittività u l-iżviluppi baġitarji. Din diġà ġiet rikonoxxuta mill-Ewrogrupp, li ddeċieda li jidħol għal biċċa xogħol ta' sentejn għal sorveljanza tal-iżviluppi tal-kompetittività fiż-żona tal-ewro, inkluża l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Mill-introduzzjoni tal-ewro, numru ta' pajjiżi fiż-żona ewro tilfu l-kompetittività b'mod persistenti u qegħdin isofru minn defiċits relattivament kbar fil-kontijiet kurrenti. Grupp ieħor ta' pajjiżi sofrew minn dgħufija strutturali fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni tagħhom. Finalment, hemm grupp ta' pajjiżi li akkumulaw bilanċi pożittivi kbar fil-kontijiet kurrenti. Peress li din it-tendenza ta' divrenzjali li qed jikbru mhix sostenibbli, tirrikjedi koordinazzjoni intensifikata ta' politiki u rispons adegwat permezz tal-politiki fil-livell nazzjonali biex jiġu trattati d-dgħufijiet li jeżistu.

It-Trattat ta' Liżbona l-ġdid jipprovdi lill-pajjiżi taż-żona tal-ewro b'għodod ġodda, b'mod

partikolari l-Artikoli 121 u 136 TFUE, biex isaħħaħ tali aġġustamenti tal-politika, f'każ li pajjiżi individwali jonqsu milli jadottawhom. L-Ewrogrupp huwa l-forum fejn dawn il-proċessi għandhom jiġu attivati. Barra dan, it-Trattat il-ġdid jistipula li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill meħuda fil-kuntest tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir rigward il-pajjiżi taż-żona tal-ewro għandhom jittieħdu mill-pajjiżi taż-żona tal-ewro biss, bl-esklużjoni tal-Istat Membru kkonċernat. L-Ewrogrupp għandu jutilizza din il-possibilità u b'hekk jiżgura s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi. Nistenna bil-ħerqa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett.

**16. X'taħseb li huma l-aktar objettivi importanti għall-Istrateġija li jmiss għall-impjiegi u t-tkabbir sal-2020? Jekk jogħġbok elenka f'ordni ta' importanza r-riformi strutturali li temmen li huma ta' prijorità fl-UE u ġġustifika l-għażliet tiegħek. Kif jistgħu, il-BĊE u l-istrumenti ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika (Linji Gwida dwar il-Politika Ekonomika, linji gwida dwar l-Impjiegi) jikkontribwixxu għas-suċċess ta' din l-istrateġija? X'inhi l-perċezzjoni tiegħek dwar il-possibilitajiet li tiżdied id-domanda interna u li jitrawmu l-investimenti fi ħdan l-UE?**

L-istrateġija UE 2020 tkun l-aktar effettiva jekk tkompli tiffoka fuq l-objettivi primarji tal-kontinwazzjoni tat-tkabbir potenzjali, tal-ħolqien ta' livelli għoljin tal-impjiegi u taż-żamma ta' finanzi pubbliċi sostenibbli. B'dan il-mod, tkun ta' kontribut kbir għall-inklużjoni soċjali u għat-titjib tal-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini Ewropej.

Hemm bżonn ta' tisħiħ tas-sorveljanza tal-politiki tal-Istati Membri sabiex jitjieb it-twettiq tal-impenji skont l-istrateġija l-ġdida tal-UE 2020. F'dan ir-rigward huwa importanti li l-istrateġija tal-UE 2020 għandha tistabbilixxi numru limitat ta' miri ambizzjużi għall-pajjiżi (inkluż is-suq intern), li huma stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri. L-istrateġija l-ġdida tal-UE 2020 tista' ssostni bl-aħjar mod lill-politiki strutturali u ta' impjiegi jekk tibqa' ffukata fuq il-miri primarji tal-politika għaż-żieda fit-tkabbir potenzjali u għal ħolqien ta' livelli għoljin ta' impjieg. Barra dan, l-istrateġija għandha tinkorpora l-akbar interdipendenza fost il-membri taż-żona tal-ewro u r-responsabilità maqsuma tagħhom għall-funzjonament taż-żona tal-ewro u għalhekk il-ħtieġa għal koerenza u koordinazzjoni akbar tal-politiki ekonomiċi u fiskali fost il-membri taż-żona tal-ewro. B'mod partikolari, għandu jkollha fil-mira tagħha d-diverġenzi tal-kompetittività li nħolqu fost il-membri taż-żona tal-ewro minn mindu ġiet introdotta munita unika, abbażi tar-reviżjoni tal-kompetittività stabbilita reċentement. F'termini prattiċi, nara vantaġġi meta tingħata definizzjoni ta' linji gwida politiċi aktar speċifiċi, inklużi linji gwida aktar speċifiċi indirizzati esklussivament lill-membri taż-żona tal-ewro, skont kif inhu possibbli abbażi tal-Artikolu 136 l-ġdid tat-TFUE tat-Trattat ta' Liżbona. Għalhekk nistenna bil-ħerqa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar dawn is-suġġetti li hija mistennija fir-rebbiegħa 2010.

Il-BĊE jista' jikkontribwixxi l-iktar għas-suċċess tal-Istrateġija tal-UE 2010 meta jiffoka fuq il-politika monetarja tiegħu dwar l-istabilità tal-prezz b'mod kredibbli biex b'hekk ikun qed jappoġġja s-setgħa tal-akkwist tal-familji fiż-żona tal-ewro. F'dan il-kuntest għandu jiġi enfasizzat li suq Ewropew uniku li jiffunzjona aħjar jagħmilha aktar faċli għall-politika monetarja li tikseb stabilità fil-prezz u tappoġġja t-tkabbir.

Konsegwentement, il-miżuri tar-riforma strutturali għandu jkollhom l-għan li jtejbu l-

kompetizzjoni sabiex jgħaġġlu r-ristrutturar u l-investiment u li joffru opportunitajiet ta' negozju ġodda, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi. Dan huwa kruċjali sabiex ikun hemm pjan għal tkabbir tal-produttività sostenibbli li jappoġġja r-riżultat potenzjali u d-dħul reali u sabiex jiġi evitat li l-kriżi attwali taffettwa t-tkabbir potenzjali taż-żona tal-ewro fuq medda ta' żmien twila. Fil-livell tal-UE, pass importanti għat-titjib tal-kompetizzjoni ekonomika u l-effiċjenza huwa l-kompletar tas-Suq Uniku, it-traspożizzjoni korretta tar-regoli komuni fil-liġijiet nazzjonali, u l-infurzar riġoruż tagħhom.

Barra dan, hemm bżonn kbir ta' flessibilità ogħla fil-pagi sabiex l-iffissar tal-pagi jikkontribwixxi għal aġġustament tal-ispejjeż tal-unità tax-xogħol fiż-żona tal-ewro billi l-pagi jiġu allineati mal-pożizzjonijiet tal-kompetittività, il-kundizzjonijiet lokali tas-suq tax-xogħol u l-iżviluppi tal-produttività, b'mod partikolari fit-tnaqqis. Sabiex tiġi evitata aktar żieda fil-qgħad, jeħtieġ li l-pagi jimmoderaw lil hinn minn dak li s'issa seħħ fl-iżviluppi tal-pagi nnegozjati għal dawk il-pajjiżi li sofrew telf ta' kompetittività fil-passat u għal setturi li qed jintlaqtu b'mod partikolari mill-kriżi.

Rivitalizzazzjoni ta' domanda interna fil-fażi attwali ta' tkabbir baxx teħtieġ titjib fil-fiduċja tal-familji u tan-negozji, b'mod partikolari fil-flussi tad-dħul futur. F'dan ir-rigward, il-miżuri ta' sostenn għall-kriżi għall-medda ta' żmien medja li ttieħdu s'issa - b'mod speċifiku dawk li jappoġġjaw aġġustament fis-sigħat maħduma - kienu ta' suċċess fit-tnaqqis tat-telf tal-impjiegi. Madankollu, fil-medda ta' żmien medja, il-politiki temporanji li jdewmu t-tibdil strutturali fl-ekonomiji jinkludu spejjeż baġitarji mhux neċessarji u joħolqu ineffiċjenzi, li jdgħajfu l-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir tad-dħul reali. Għalhekk, l-istrateġiji tal-ħruġ evidenti u kredibbli huma neċessarji biex jitrawmu d-domanda u l-impjieg fil-medda ta' żmien medja. F'dan ir-rigward, il-politiki fiskali għandhom itejbu l-effiċjenza u l-kwalità tal-infiq pubbliku, bil-għan li jappoġġjaw l-investiment u b'hekk ir-riżultat potenzjali.

Qasam finali li naħseb li l-istrateġija ta' Liżbona għandha tinsisti fuqu huwa s-settur tal-enerġija. Barra kwistjonijiet relatati mat-tibdil fil-klima, id-dipendenza żejda fuq iż-żejt u riżorsi eżawribbli oħra tikkostitwixxi vulnerabilità potenzjali u sors possibbli ta' instabilità makroekonomika. F'dan ir-rigward l-irwol tat-tidwir fil-prezzijiet taż-żejt u l-impatt tiegħu fuq iż-żona tal-ewro fil-kriżi riċenti m'għandux jiġi injorat. Għalhekk, il-promozzjoni tal-istrateġiji bil-għan li jkun hemm sorsi tal-enerġija alternattivi u kredibbli u settur tal-enerġija effiċjenti għandha tingħata prijorità għolja fl-istrateġija li jmiss dwar it-tkabbir u l-impjiegi.

**17. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar ir-rata ta' progress tat-tkabbir taż-żona tal-ewro kemm mill-perspettiva taż-żona tal-ewro kif ukoll minn dik tal-pajjiżi kandidati? Kif tevalwa l-introduzzjoni tal-ewro mill-Istati Membri l-ġodda s'issa? Tara ħtieġa għat-titjib jew il-bidla fil-proċess ta' adeżjoni u/jew il-perjodu tal-introduzzjoni tal-ewro?**

Wara l-introduzzjoni tal-ewro fi 11-il Stat Membru fl-1999, ħames Stati Membri addizzjonali adottaw l-ewro fl-istess żmien (fosthom erba' pajjiżi li ngħaqdu mal-UE fl-2004). Il-benefiċċji tal-ewro għalhekk infirxu aktar anke fost l-Istati Membri l-ġodda, fatt li juri li ż-żona tal-ewro mhix żona magħluqa. M'hemmx skeda predefinita għat-tkabbir taż-żona tal-ewro. L-Istati Membri kollha li ngħaqdu mal-UE mill-2004 huma mistennija li jadottaw l-ewro ladarba jkunu kisbu grad għoli ta' konverġenza sostenibbli kif preskritt mit-Trattat u l-

Protokoll. Dan jirrikjedi preparazzjoni dettaljata u għandha tittieħed bl-ikbar serjetà.

L-esperjenza tal-Istati Membri li adottaw l-ewro tikkonferma li, meta jiġu aċċettati membri ġodda fiż-żona tal-ewro, irridu noqogħdu attenti ħafna għas-sostenibilità tal-konverġenza. Il-kisba ta' grad għoli ta' konverġenza sostenibbli hija essenzjali, l-ewwel u qabel kollox għall-pajjiż innifsu (biex ikun jista' jirċievi l-benefiċċji kollha tal-adozzjoni tal-ewro). Barra dan, huwa importanti wkoll għaż-żona tal-ewro (hekk kif il-kisba tal-konverġenza sostenibbli tal-pajjiżi kollha li jipparteċipaw hija l-element ewlieni tal-koerenza taż-żona tal-ewro u l-funzjonament effiċjenti tal-politika monetarja unika). It-tfassil ta' strateġija kredibbli għall-adozzjoni tal-ewro (flimkien mal-implimentazzjoni tal-politiki makroekonomiċi b'saħħithom neċessarji u r-riformi strutturali) jista' jgħin għat-trawwim tal-impenn tal-partijiet kollha relevanti lejn din il-mira.

Fir-rigward tal-proċess tal-adozzjoni tal-ewro, il-loġika fundamentali tat-Trattat tibqa' korretta: il-pajjiżi jridu jiżguraw li jibqgħu jsegwu l-politiki makroekonomiċi b'saħħithom. Il-qafas istituzzjonali li jirregola l-proċess tal-adozzjoni tal-ewro kif stabbilit fit-Trattat u l-Protokoll huwa mfassal biex jiżgura li l-prekundizzjonijiet għal parteċipazzjoni b'suċċess fiż-żona tal-ewro jiġu ssodisfati. Għalhekk adeżjoni stretta ma' dan il-qafas hija kruċjali. Huwa estremament importanti wkoll li l-evalwazzjoni ta' konverġenza tkun ibbażata fuq il-kwalità għolja u d-dejta statistika ta' fiduċja.

**18. X'taħseb dwar il-kwistjoni dibattibbli attwali dwar it-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji? Tali taxxa sempliċement iżżid id-dħul mis-settur finanzjarju jew huwa aktar probabbli li tillimita tranżazzjonijiet li soċjalment mhumiex mixtieqa? Xi jkun l-irwol tal-BĊE fl-implimentazzjoni ta' taxxa fuq tranżazzjoni finanzjarja tal-UE? Abbażi ta' taxxi li jeżistu attwalment fuq tranżazzjonijiet finanzjarji (eżempju l-boll fir-Renju Unit), x'jista' jkun il-qasam ta' applikazzjoni ta' tali taxxi sabiex ikunu effettivi? X'jistgħu jkunu r-riskji u l-iżvantaġġi ta' tali taxxi? Tista' tali taxxa tkun possibbli jekk xi pajjiżi ma jżommux mal-prinċipji tagħha? X'jistgħu jkunu, biex nuża l-istess kliem tal-G20, għażliet oħra "fir-rigward ta' kif is-settur finanzjarju jista' jagħmel kontribut ġust u sostanzjali" biex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe piżijiet assoċjati mal-interventi tal-gvern biex jitranġaw is-sistemi bankarji?**

Se nibda billi nistqarr li jien favur l-idea li "s-settur finanzjarju jista' jagħmel kontribut ġust u sostanzjali" biex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe piżijiet assoċjati mal-interventi tal-gvern biex jitranġaw is-sistemi bankarji. Madankollu, il-kunċett li dan l-objettiv jiġi ssodisfat aħjar permezz tal-introduzzjoni ta' taxxa fuq tranżazzjoni finanzjarja ġenerali, jeħtieġ evalwazzjoni bil-għaqal. Qabel xejn, għandu jiġi ċċarat li l-iskop proprju għall-introduzzjoni ta' tali taxxa huwa li jiżdied id-dħul mis-settur finanzjarju u mhux li titnaqqas il-volatilità fis-swieq finanzjarji jew li jitnaqqsu l-inċentivi tat-teħid tar-riskju eċċessiv.

Minbarra d-diffikultà biex jintlaħaq il-ftehim internazzjonali neċessarju biex tiġi imposta tali taxxa fuq livell dinji, u l-fatt li t-taxxa, fl-aħħar mill-aħħar, titħallas permezz ta' prezzijiet ogħla ċċarġjati lill-klijenti għas-servizzi finanzjarji, anke l-kapaċità tal-ġenerazzjoni tad-dħul ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji teħtieġ li tkun evalwata sew. B'mod partikolari, wieħed ma jistax, sempliċement b'mod mekkaniku, japplika rata ta' taxxa ta', pereżempju, 0.01 fil-mija fuq l-ammont totali tat-tranżazzjonijiet tas-suq finanzjarju sabiex jiġi evalwat

dħul potenzjali, mingħajr ma jikkunsidra l-impatt potenzjali ta' dan fuq (i) il-volum globali ta' tranżazzjonijiet, (ii) il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet, u (iii) effetti sekondarji oħra.

Għalhekk, minħabba l-inċertezza kbira fir-rigward tal-effikaċja ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, u l-potenzjal inċert tagħha għal ġenerazzjoni ta' dħul, kull taxxa fuq tranżazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi evalwata bir-reqqa fid-dawl ta' alternattivi possibbli. Tali alternattivi, madankollu, sabiex jipprovdu għodod effiċjenti għal promozzjoni ta' stabilità ta' suq finanzjarju fil-futur, ikollhom imorru lil hinn minn sempliċement skemi ta' ġbir ta' fondi. Fil-fatt, il-G20 u l-FMI qed jaħdmu fuq numru ta' proposti li - barra minn taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji - jinkludu wkoll it-tassazzjoni tal-bonusijiet u l-pagi fis-settur finanzjarju (fil-mira nsibu parteċipanti tas-suq li lesti jieħdu riskji eċċessivi) kif ukoll tassazzjoni ta' oġġetti elenkati fuq il-karta tal-bilanċ biex jiġi evitat l-ispariġġ, u dawn kollha jistgħu jiġu kkombinati ma' skemi ta' assigurazzjoni biex tiġi evitata s-soċjalizzazzjoni ta' telf futur fis-settur finanzjarju.

Għall-kuntrarju tat-taxxa msemmija hawn fuq - li hi ntaxxata fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji biss - dawn il-possibilitajiet jiffukaw fuq istituzzjonijiet individwali bl-għan li jsaħħu r-reżistenza u l-kapaċità tas-sistema finanzjarja li tassorbi t-telf, fit-totalità tagħha. F'dan il-kuntest, pereżempju, qed tiġi attwalment analizzata l-possibilità ta' introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' prudenza addizzjonali għal istituzzjonijiet finanzjari sistemiċi li minħabba l-istatus tagħhom ta' "wisq kbar biex ifallu" probabbilment jirċievu assistenza mill-gvern. Dawn ir-rekwiżiti ta' prudenza addizzjonali - f'forma ta' sovrakariki fuq il-kapital u/jew kapital kontinġenti - għandhom l-iskop li jżidu l-kapaċità ta' assorbiment ta' telf u r-reżistenza għax-xokkijiet tal-karti tal-bilanċ tal-banek u għalhekk li jnaqqsu, indirettament, l-ispejjeż mistennija ta' salvataġġi fil-futur għal dawk li jħallsu t-taxxa.

Miżuri oħra kkunsidrati għandhom l-iskop li jżidu l-kontribuzzjoni monetarja mill-istituzzjonijiet finanzjarji biex b'hekk iżidu direttament jew jikkontribwixxu għall-ispejjeż (li għaddew u dawk futuri) imġarrba minn finanzi pubbliċi għall-interventi tal-gvern. Eżempju prominenti huwa l-introduzzjoni ta' ħlas għal responsabilitajiet istituzzjonali finanzjarji, bħall-ħlas tar-responsabilità finanzjarja fl-Istati Uniti. Bl-objettiv prinċipali tagħha li ġġiegħel lis-settur bankarju jikkontribwixxi sabiex ikopri l-ispejjeż ta' kriżi finanzjarja, l-intenzjoni tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li tintroduċi "ħlas ta' responsabilità" tista' tiġi adottata b'mod wiesa'.

F'dan il-qafas, nixtieq infakkar il-pożizzjoni - espressa riċentement mill-Ewrosistema - li l-immaniġġjar tal-kriżi u l-qafas ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu kemm jista' jkun il-piż possibbli għal dawk li jħallsu t-taxxa li jirriżulta minn kwalunkwe kriżi tal-istituzzjonijiet finanzjarji. F'dan ir-rigward, nilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tesplora mekkaniżmi li għandhom il-possibilità li jiżguraw li l-fondi tas-settur privat jistgħu jkunu disponibbli fiż-żmien ta' kriżi (ara wkoll Mistoqsija 38).

**19. X'inhuma l-opinjonijiet tiegħek dwar il-futur tal-unjoni monetarja Ewropea fil-medda twila taż-żmien u x'inhuma l-isfidi prinċipali quddiemna?**

Huwa kruċjali li bħala Ewropej, inkomplu nibbażaw fuq is-suċċess enormi li ġab miegħu l-ħolqien ta' munita unika fil-kontinent tagħna. Dak li kisbu l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Monetarja huwa bla preċedent u m'għandniex ninsew kemm għamilna suċċess.

Nemmen li l-futur tal-unjoni onetarja Ewropea fil-medda twila taż-żmien huwa wieħed sabiħ. Id-dħul fis-seħħ reċenti tat-Trattat ta' Liżbona ta impetu ġdid lill-proċess tal-integrazzjoni Ewropea u dan għandu jtejjeb l-ambjent li l-unjoni monetarja topera fih. It-tħassib u d-dubji inizjali leġittimi dwar l-ewro twarrbu u llum il-ġurnata napprezzaw il-mod li bih taħdem iż-żona tal-ewro u l-importanza tagħha għall-ġid tal-ekonomija taż-żona tal-ewro kif ukoll, aktar u aktar, għall-ekonomija globali.

Minkejja dan, hemm diversi sfidi li fil-futur se jikkawżaw pressjoni kbira, jekk xejn minħabba l-kriżi finanzjarja riċenti.

Wieħed mill-ewwel punti huwa relatat mal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Wara d-deterjorament tal-kontijiet fiskali li rriżultaw mill-kriżi u r-rispons politiku neċessarju għaliha, il-gvernijiet għandhom jerġgħu jirritornaw għal metodu fiskali sostenibbli. M'hemm l-ebda dubju li dan se jkun jeħtieġ aġġustamenti ħorox li se jkunu jeħtieġu żmien ta' aġġustament pjuttost twil. F'dan il-proċess huwa importanti li l-gvernijiet iżommu metodu stabbli u ma jċedux għat-tentazzjonijiet li jitbiegħdu mill-preskrizzjonijiet tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir minħabba li dan jista' jkollu implikazzjonijiet serji fuq il-ħidmiet tal-unjoni monetarja.

Sfida maġġuri oħra għandha x'taqsam mal-approfondiment u mat-tisħiħ tal-approċċ Ewropew għall-istabilità finanzjarja u r-riskju sistemiku. It-twaqqif tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku huwa pass importanti iżda għad baqa' ħafna xi jsir għall-implimentazzjoni u għal iktar koperazzjoni f'dan il-qasam. Fil-medda twila taż-żmien approċċ integrat Ewropew lejn stabilità finanzjarja u riskju sistemiku huwa meħtieġ biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp ta' sistema finanzjarja robusta li tkun anqas soġġetta għall-kriżi. Barra dan, se jkun neċessarju li jiġu kkunsidrati r-riskji li jirriżultaw mir-riżorsi globali, f'kollaborazzjoni mal-FMI u l-Bord ta' Stabilità Finanzjarja.

Għalhekk jeħtieġ li nikkonsolidaw is-suċċess miksub s'issa u nkomplu fuq il-passi tal-ewwel għaxar snin tal-eżistenza tal-ewro. Dan ifisser li l-atturi kollha, l-istituzzjonijiet kollha fil-livell Ewropew u nazzjonali, iżda wkoll l-aġenti ekonomiċi kollha, għandhom jissodisfaw l-impenji u r-responsabilitajiet tagħhom. B'dan il-mod, ikun aħjar jekk inkunu f'qagħda li niffaċċjaw l-isfidi fuq il-medda twila ta' żmien li għandhom mnejn joħorġu f'dinja mimlija b'nuqqas ta' ċertezza; sabiex inkunu nistgħu nkomplu nirnexxu bħala soċjetà.

Nista' niżgurakom li jien se nkompli nagħmel dak kollu fil-kapaċità tiegħi sabiex niżgura li l-munita tagħna u l-BĊE jibqgħu jikbru u jissaħħu fuq il-bażi tal-kredibilità stabbilita s'issa.

## 20. X'inhi l-opinjoni tiegħek tal-irwoli rispettivi tal-Kunsill, il-Kummissjoni, l-Ewrogrupp u l-BĊE f'termini ta' rappreżentanza esterna taż-żona tal-ewro?

Ir-rappreżentanza esterna taż-żona tal-ewro tirrifletti n-natura speċjali tal-EMU bħala unjoni li għandha politika monetarja ċentralizzata iżda politiki ekonomiċi deċentralizzati. Ir-rappreżentanza hija maqsuma bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, l-Ewrogrupp, il-BĊE, u l-Istati Membri f'konformità mal-allokazzjoni tas-setgħat stabbiliti fit-Trattat.

Il-BĊE jirrappreżenta l-politika monetarja u r-responsabilitajiet l-oħra tiegħu esternament. Il-BĊE jaġixxi bħala vuċi tal-Ewrosistema u huwa rrappreżentat fil-fora internazzjonali l-aktar

importanti li huma relevanti għall-attivitajiet tal-Ewrosistema. Dan l-arranġament jaħdem tajjeb.

Ir-rappreżentanza esterna tal-politiki ekonomiċi taż-żona tal-ewro hija fframmentata aktar minħabba d-diviżjoni tar-responsabilitajiet interni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. L-Istati Membri jibqgħu l-aktar responsabbli għall-politiki ekonomiċi. Huma wkoll membri ta' fora internazzjonali ekonomiċi bħall-FMI, fejn jistgħu jieħdu responsabilitajiet finanzjarji.
Fl-istess ħin, il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali enfasizzat aktar il-ħtieġa għal aktar rappreżentanza Ewropea biex jiġi żgurat li l-Ewropa tista' tirrappreżenta l-interessi tagħha effettivament fix-xena dinjija. L-Artikolu 138 tat-Trattat - li jistipula li l-Kunsill (fil-kompożizzjoni taż-żona tal-ewro) jista' jadotta *pożizzjonijiet komuni dwar il-kwistjonijiet ta' interess partikolari għall-EMU* u *jsta' jiżgura rappreżentanza unifikata fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-konferenzi internazzjonali finanzjarji* - jista' jintuża f'dan ir-rigward. Il-progress jiddependi, madankollu, fuq il-volontà politika tal-Istati Membri.

**21a. Kif tevalwa l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju tal-USD/EUR?**

Saru diversi żviluppi fis-swieq tal-kambju barranin matul l-aħħar 18-il xahar, l-aktar minħabba l-evoluzzjoni tal-kriżi finanzjarja. Fl-eqqel tal-kriżi, it-trasferimenti ta' *portafolli* f'bonds tal-gvern tal-Istati Uniti taw appoġġ qawwi lid-dollaru Amerikan vis-à-vis l-ewro (u muniti oħra) f'nofs instabilità kbira fis-suq finanzjarju. Meta t-tensjonijiet finanzjarji battew gradwalment matul l-2009 dawn il-flussi ġew parzjalment likwiditat u l-ewro rpilja konsiderevolment. Bħala riżultat, fil-ħarifa 2009, l-ewro ġie nnegozjat f'livelli pjuttost għoljin fid-dawl ta' standards storiċi, qabel ma esperjenza deprezzament matul l-aħħar xahrejn. Il-BĊE, bil-ħila tal-President tiegħu, kiser ir-rekord kemm-il darba matul l-aħħar 18-il xahar bl-indikazzjoni li aħna nilqgħu l-istqarrijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Uniti li dollaru b'saħħtu huwa fl-interess tal-Istati Uniti.

**21b. Kif tevalwa l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju tar-Renminbi/EUR?**

Ir-Renminbi esperjenza biss apprezzament moderat vis-à-vis l-ewro mill-bidu tar-riforma tar-rata tal-kambju taċ-Ċina kważi ħames snin ilu, bażikament madwar 7.4% minn Lulju 2005 sat-22 ta' Frar 2010 (kontra 21% vis-à-vis d-dollaru Amerikan u 14% f'termini tassew effettivi fuq bażi tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur). Bażikament dan jirriżulta minħabba l-interruzzjoni tal-politika taċ-Ċina ta' apprezzament gradwali tar-rata tal-kambju meta faqqgħet il-kriżi.

Għaldaqstant nilqa' l-impenn kontinwu taċ-Ċina biex timxi lejn rata tal-kambju iktar flessibbli, fatt li għandu jwassal għal apprezzament kontinwu tal-valur tar-Renminbi f'termini effettivi u jgħin fil-promozzjoni ta' tkabbir iktar ibbilanċjat fiċ-Ċina u fl-ekonomija dinjija.

**21c. Kif tevalwa l-koperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-rati ta' kambju?**

Il-BĊE, kostantement, jiskambja opinjonijiet dwar il-konfigurazzjonijiet tar-rata tal-kambju dinjija mal-imsieħba tiegħu fil-Grupp tas-Seba' (G7), li l-irwol prinċipali tiegħu għall-kwistjonijiet tar-rata tal-kambju reġa' ġie affermat fl-aħħar laqgħa tal-Grupp f'Iqaluit, fil-Kanada, fis-6 ta' Frar 2010. Flimkien mal-imsieħba tiegħu tal-G7 u l-G20, il-BĊE jimmonitorja mill-viċin is-swieq tal-kambju u jikkopera kif xieraq.

Il-grad tal-fehim reċiproku fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, huwa partikolarment għoli u napprezza li l-awtoritajiet tal-Istati Uniti, inklużi l-President Bernanke u s-Segretarju tat-Teżor Geithner, indikaw li dollaru b'saħħtu huwa fl-interess tal-ekonomija tal-Istati Uniti, li huwa wkoll fl-interess tal-ekonominja globali fiha nnifisha. Il-BĊE jiskambja wkoll, fuq bażi regolari, opinjonijiet mal-awtoritajiet Ċiniżi b'mod ċar u trasparenti.[1]

**21d. Taħseb li l-banek ċentrali huma kapaċi jiġġieldu b'mod effiċjenti kontra l-instabilità eċċessiva?**

Il-Gvernaturi tal-bank ċentrali tal-G7 - flimkien mal-Ministri tal-Finanzi tal-G7 - reġgħu affermaw l-interess komuni tagħhom f'sistema finanzjarja internazzjonali b'saħħitha u stabbli fl-aħħar laqgħa tagħhom fi Frar 2010.

Għamluha ċara wkoll li l-instabilità eċċessiva u l-movimenti diżordinati fir-rati tal-kambju għandhom implikazzjonijiet avversi għall-istabilità ekonomika u finanzjarja u li se jkomplu jimmonitorjaw is-swieq tal-kambju mill-viċin u jikkoperaw kif xieraq.

Rigward l-abilità tal-banek ċentrali li jindirizzaw l-instabilità eċċessiva tar-rata tal-kambju, wieħed għandu jispjega li ż-żona tal-ewro adottat reġim flessibbli tar-rata tal-kambju, bl-implikazzjoni li l-valur estern tal-ewro vis-à-vis l-muniti tal-pajjiżi terzi huwa determinat mis-suq. Dan jippermetti lill-BĊE sabiex jiffoka fuq l-objettiv tiegħu - il-preservazzjoni tal-istabilità tal-prezz - u għandu jikkontribwixxi biex jillimita l-insabilità tar-rata tal-kambju. Madankollu, episodji ta' żidiet qawwija u tnaqqis qawwi xorta jistgħu jseħħu fis-swieq tar-rati tal-kambju, li jista' jkollhom impatt fuq it-tendenzi tal-prezz u jistgħu jimplikaw riskji għall-istabilità tal-prezz fiż-żona tal-ewro. F'dawn il-każijiet, l-intervent tal-pubbliku biex jillimita l-instabilità tar-rata tal-kambju jista' jiġi garantit dejjem jekk ikun koordinat mal-pajjiżi l-oħra. Karatteristika ġenerali tal-politika tar-rata tal-kambju hija li b'definizzjoni din il-politika hija waħda internazzjonali. Rata tal-kambju ma tistax tiġi determinata minn pajjiż wieħed jew żona ekonomika waħda; din tiddependi dejjem mid-deċiżjonijiet minn, tal-anqas, iż-żewġ partijiet involuti. Għalhekk, il-koperazzjoni internazzjonali hija kruċjali għall-effikaċja tal-politika tar-rata tal-kambju.

**21e. X'importanza tagħti f'dan il-kuntest lill-perikoli imposti mill-iżbilanċi globali?**

L-akkumulazzjoni ta' żbilanċi kbar fil-kontijiet kurrenti globalment kienet fattur li kkontribwixxa għal żieda fir-riskji sistemiċi li fl-aħħar mill-aħħar wasslu għal kriżi finanzjarja. Din il-kriżi qed twassal għal tnaqqis f'dawn l-iżbilanċji li, madankollu, huwa iktar ċikliku milli strutturali. Dan jissuġġerixxi li hemm riskju li l-iżbilanċi globali jerġgħu jibdew jiżdiedu hekk kif l-irkupru globali jissaħħaħ.

In-natura multilaterali tal-iżbilanċi globali timplika li l-proċess biex tinstab soluzzjoni għalihom għandu jkun ir-responsabilità ta' kulħadd. Il-Qafas tal-G7 l-ġdid għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u bbilanċjat jipprovdi opportunità ġdida biex tikber is-sorveljanza tal-politiki makroekonomiċi fost ekonomiji maġġuri biex jinkiseb tkabbir globali aktar ibbilanċjat u biex jiġi evitat li jerġa' jkun hemm żbilanċi globali kbar. Huwa importanti li jkun hemm

[1] B'mod partikolari, il-President tal-BĊE, flimkien mal-President tal-Ewrogrupp u l-Kummissarju tal-UE għall-affarijiet ekonomiċi u monetarji żaru lill-kontropartijiet tagħhom Ċiniżi f'Novembru 2007 u f'Novembru 2009 biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni.

qbil fuq miżuri tal-politika konkreti u li jiġi żgurat li l-impenji jiġu segwiti, billi l-ekonomiji maġġuri kollha jagħtu sehemhom ukoll.

**21f. Taħseb li l-irwol internazzjonali tal-ewro għandu jiġi nkoraġġut u jekk iva, kif?**

Naqbel mal-politika tal-BĊE, segwita minn meta twaqqfet l-unjoni monetarja fl-1999, li ma jkunx hemm kampanji biex jitrawwem jew jiġi ostakolat l-użu internazzjonali tal-ewro. L-iżviluppi fl-irwol tal-ewro f'pajjiżi barranin huma primarjament ir-riżultat ta' forzi tas-suq u ta' deċiżjonijiet tas-settur privat. L-appoġġ ewlieni li l-BĊE indirettament jippermetti trawwim ta' użu aħjar tal-ewro fi tranżazzjonijiet internazzjonali hu billi titmexxa politika monetarja kredibbli. Il-BĊE jimmoniterja l-irwol internazzjonali tal-ewro u jipprovdi informazzjoni regolari lill-pubbliku, b'mod partikolari fir-Reviżjoni annwali tal-irwol in ternazzjonali tal-ewro.

**22. Kif tista' titkabbar aktar l-importanza taż-żona tal-ewro u l-munita tagħha, b'mod partikolari f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali? X'inhuma l-opinjonijiet tiegħek dwar il-livell attwali ta' koordinazzjoni, eż. f'laqgħat tal-bord tal-FMI?**

Mindu daħal l-ewro iktar minn għaxar snin ilu, iż-żona tal-ewro bdiet issir imsieħba stabbilita f'fora u f'istituzzjonijiet globali li jittrattaw kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, bħall-BĦI, il-G7, il-G20, l-FMI jew l-FSB. Dan huwa r-riżultat ta' proċess gradwali li fih kellhom jinbidlu mudelli li ilhom jeżistu, kemm f'istituzzjonijiet kif ukoll fl-attitudnijiet tal-individwi. Għalkemm mhux insinifikanti, jidher li huwa iktar faċli li jinbidlu l-istituzzjonijiet milli l-attitudnijiet tal-individwi.

Ir-regoli għal parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet u f'fora globali kellhom jiġu aġġustati biex jippermettu l-interazzjoni ma' żona tal-munita u l-atturi tagħha minflok mar-rappreżentanti ta' pajjiżi uniċi. Dan kien akkomodat pereżempju fil-G7 billi ġew mistiedna l-President tal-BĊE u l-President tal-Ewrogrupp għal-laqgħat fil-FMI billi l-BĊE ingħata status ta' osservatur, li jippermetti l-parteċipazzjoni f'għadd ta' laqgħat tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI. Bl-istess mod, ġew stabbiliti strutturi ġodda, pereżempju rappreżentanti Ewropej jiltaqgħu regolarment f'Washington biex jiskambjaw opinjonijiet dwar suġġetti qabel ma jiġu indirizzati verament fil-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv tal-FMI.

Min-naħa l-oħra, huwa aktar diffiċli li tibdel l-attitudni tal-atturi. Permezz tal-unjoni monetarja, il-kwistjonijiet dwar politika monetarja u r-rata tal-kambju issa għandhom jiġu rappreżentati fil-livell tal-Unjoni. Relattivament dan huwa definit b'mod ċar. Iżda mhux daqshekk ċar li anki f'oqsma oħra ta' politika hemm każ ta' koordinazzjoni ta' fehmiet u qbil dwar messaġġi komuni. Progress kien hemm minħabba li ħafna termini ta' referenza komuni dwar diversi suġġetti tal-aġendi tal-G7, il-G20 u l-FMI, matul is-snin kienu kkoordinati fi Brussell. Madankollu, għadha ma ġietx assimilata għalkollox l-idea li, jekk l-individwi jkollhom vuċi waħda fl-aħħar mill-aħħar dan jgħin biex jintlaħqu għanijiet komuni. Il-pajjiżi għadhom jinterpretaw kwistjonijiet ta' politika internazzjonali bħala prerogattiva nazzjonali, minkejja l-fatt li ż-żona tal-ewro hija esposta għall-istess sfidi globali. Din l-attitudni ħafna drabi ma tħallix li termini ta' referenza jkunu iktar mill-iżgħar denominatur komuni, u xi drabi twassal għal messaġġi diverġenti. Sfortunatament, kor ta' vuċijiet differenti ma jwittix it-triq għal aktar influwenza. Dan il-fatt jista' jispjega s-sitwazzjoni tal-lum li, minn naħa waħda, l-

influwenza taż-żona tal-ewro f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għadha mhix proporzjonata mal-piż ekonomiku u finanzjarju tagħha meta mqabbel ma' partijiet kbar oħra, waqt li, min-naħa l-oħra, iż-żona tal-ewro (jew l-UE b'mod aktar ġenerali) ħafna drabi tiġi interpretata u akkużata bħala waħda rappreżentata b'mod sproporzjonat.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-Ewropa jkollha terġa' tikkunsidra din is-sitwazzjoni bl-istess mod minħabba l-pressjoni esterna li ġejja mill-kuntest tal-FMI (eż. billi jiġi kkunsidrat approċċ ta' presidenza waħda). Fil-fehma tiegħi, appelli għal koordinazzjoni aħjar ta' opinjonijiet u għal kunsiderazzjoni mill-ġdid jekk hemmx aktar modi effiċjenti biex jiġu preżentati f'istituzzjonijiet u f'fora internazzjonali huma evidentement garantiti biex jissaħħaħ il-piż taż-żona tal-ewro fl-istadju globali.

## C. <u>Stabilità u superviżjoni finanzjarja</u>

### 23a. X'taħseb dwar l-abbozzi ta' proposti leġiżlattivi superviżorji finanzjarji li bħalissa hemm dibattitu dwarhom fil-Parlament Ewropew?

L-abbozzi ta' proposti leġiżlattivi li bħalissa hemm dibattitu dwarhom fil-Parlament Ewropew huma parti minn reviżjoni komprensiva tal-qafas istituzzjonali tal-UE għas-superviżjoni, li jinkludi kemm it-tkabbir ta' superviżjoni mikroprudenzjali permezz tal-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) (magħmula minn tliet Awtoritajiet ta' Sorveljanza Ewropej u n-netwerk ta' kontrolluri), kif ukoll il-ħatra tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) bħala entità indipendenti ġdida, responsabbli mis-salvagwardja tal-istabilità finanzjarja billi ssir superviżjoni makroprudenzjali fil-livell Ewropew, bil-konferiment ta' ħidmiet speċifiċi relatati mal-BĊE skont l-Artikolu 127(6) tat-Trattat.

Il-qafas istituzzjonali propost huwa addattat ħafna għar-raġunijiet li ġejjin:

Fuq in-naħa mikroprudenzjali, l-istabbiliment tas-SEFS se jappoġġja iktar konsistenza fit-tmexxija ta' superviżjoni mikroprudenzjali fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest, il-ħidmiet ewlenin proposti għall-Awtoritajiet Ewropej għas-Sorveljanza huma addattati ħafna biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. B'mod partikolari, l-iżvilupp ta' standards, il-linji gwida u r-rakkommandazzjonijiet tekniċi se jippermettu t-trawwim ta' applikazzjoni konsistenti ta' leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE fl-Istati Membri u approċċ regolatorju u ta' superviżjoni komuni fil-livell tal-UE. Hemm kunsens mifrux dwar l-objettiv li jinħoloq ktieb tar-regoli tal-UE wieħed li jkun il-bażi għal servizzi transkonfinali minn intermedjarji finanzjarji. B'hekk jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet ugwali fost istituzzjonijiet finanzjarji u protezzjoni adegwata għad-depożituri, l-investituri u l-konsumaturi fl-Ewropa.

Fuq in-naħa makroprudenzjali, għandu jintlaqa' l-istabbiliment ta' entità ġdida responsabbli għat-tmexxija ta' superviżjoni makroprudenzjali fl-UE – il-BERS – minħabba li l-kriżi finanzjarja riċenti wriet il-ħtieġa li jissaħħaħ l-approċċ makroprudenzjali għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi. Il-kriżi wriet ukoll il-ħtieġa li jiġu evalwati d-diversi sorsi ta' riskji sistemiċi u l-konsegwenzi tagħhom għas-sistema finanzjarja b'mod komprensiv u fil-ħin. Il-BERS, billi jidentifika u jevalwa r-riskji sistemiċi, billi joħroġ twissijiet u rakkommandazzjonijiet minn kmieni meta tali riskji jkunu sinifikanti u billi jimmoniterja s-segwitu, jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istabilità tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi. F'dan il-kuntest, huwa xieraq ukoll li l-

abbozzi tal-proposti leġiżlattivi jipprevedu li l-BĊE u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) jkollhom sehem importanti fil-funzjonament tal-BERS. B'mod partikolari, il-parteċipazzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE fil-BERS se tiżgura li l-analiżi tal-istabilità finanzjarja tal-BERS tibbenefika mill-kompetenza makroekonomika, finanzjarja u monetarja tal-banek ċentrali tal-UE. Barra minn hekk, il-BĊE se jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS.

Il-proposti leġiżlattivi għalhekk għandhom il-potenzjal li jipprovdu tkabbir sinifikanti tal-istruttura superviżorja tal-UE li hija kapaċi twieġeb id-domandi globali u regolatorji Ewropej wara l-kriżi finanzjarja. Barra minn hekk, u l-aktar importanti, l-istrutturi ġodda se jipprovdu qafas regolatorju li għandu jissalvagwardja progress sinifikanti u ta' valur li ntlaħaq s'issa fl-integrazzjoni finanzjarja fl-UE, kif ukoll se jrawmu aktar integrazzjoni.

Minkejja dan, nara l-ħtieġa għal aktar progress ta' ċerti aspetti. F'ċertu sens, is-soluzzjoni li qed tiġi ppjanata tinsab f'nofs triq bejn approċċ purament nazzjonali għal superviżjoni makroprudenzjali u funzjoni superviżorja sħiħa pan-Ewropea. Meta wieħed iħares 'il quddiem, il-kwistjoni ewlenija tidher li hija jekk l-ASE hijiex biżżejjed biex tiżgura rispons unifikat u effettiv għall-attività ta' gruppi finanzjarji transkonfinali jew jekk ikunx hemm il-ħtieġa li jittieħed pass ieħor 'il quddiem. F'dan il-proċess, l-implimentazzjoni ta' ktieb tar-regoli uniku u affidabbli se toħloq waħda mill-kundizzjonijiet għal funzjonament u awtorizzazzjoni effettivi tal-ASE. Madankollu, l-aktar element importanti li wieħed għandu jżomm f'moħħu huwa li r-responsabilità u s-setgħat għal superviżjoni finanzjarja għandhom ikunu f'idejn dawk li fl-aħħar mill-aħħar għandhom iħallsu l-ispejjeż possibbli tal-falliment fis-sistema finanzjarja. Fil-fehma tiegħi, kull ċaqliqa potenzjali lejn struttura superviżorja aktar integrata fl-Ewropa għandha tiġi wara li titwaqqaf xibka tas-sigurtà Ewropea (inkluż Fond ta' Riżoluzzjoni ffinanzjat ex-ante).

**23b. X'tirrakkommanda biex jissaħħu r-rabtiet bejn is-superviżjoni makro u mikro?**

Kundizzjoni ewlenija għall-funzjonament effikaċi u effettiv tal-istruttura superviżorja ġdida Ewropea hija li tkun żgurata azzjoni reċiproka xierqa bejn il-funzjoni ta' superviżjoni makroprudenzjali tal-UE – rappreżentata mill-BERS – u l-funzjoni mikroprodenzjali – rappreżentata mis-SESF. L-għan tal-istruttura proposta huwa li l-fokus tax-xogħol tal-BERS li jadotta perspettiva makro, sistemika u ekonomika, waqt li l-irwol tas-SESF se jkun mikro, prudenzjali, u regolatorju. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jinkisbu s-sinerġiji adattati bejn il-funzjonijiet mikroprudenzjali u makroprudenzjali biex tiġi salvagwardjata l-istabilità finanzjarja, anki biex jiġu evitati l-partijiet żejda u x-xogħol ripetut. Dan jirrikjedi distribuzzjoni ta' ħidmiet definiti tajjeb, kif ukoll proċeduri ta' ħidma li jippermettu appoġġ reċiproku u sfruttament tas-sinerġiji bejn iż-żewġ funzjonijiet.

L-abbozzi ta' proposti leġiżlattivi diġà għandhom għadd ta' dispożizzjonijiet, li għandhom isaħħu l-koperazzjoni mill-qrib bejn il-BERS u l-ASE. B'mod partikolari:

- L-ewwel nett, f'termini ta' governanza, it-tliet presidenti tal-ASE għandhom ikunu membri votanti tal-Bord Ġenerali tal-BERS, u anki membri tal-Kumitat tat-Tmexxija tiegħu. Bil-maqlub, il-BERS għandu jkun membru (li ma jivvutax) tal-Bord tal-Kontrolluri ta' kull wieħed mit-tliet ASE. Barra minn hekk, it-tliet ASE għandhom ikunu

rappreżentati wkoll fil-Kumitat Tekniku Konsultattiv, li jkun il-fornitur ewlieni ta' kontribut tekniku għall-BERS.

- It-tieni, l-ASE għandhom ikunu suġġetti għad-dmir ġenerali ta' koperazzjoni mill-qrib mal-BERS. F'dan il-kuntest, huwa diġà previst li l-ASE jkunu wieħed mill-fornituri ewlenin ta' informazzjoni għall-BERS. B'mod partikolari, il-BERS jista' jitlob informazzjoni mill-ASE f'forma qasira jew kollettiva, b'tali mod li l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jistgħux jiġu identifikati. Il-BERS jista' jindirizza wkoll talba motivata lill-ASE biex jipprovdu dejta li mhix f'forma qasira jew kollettiva meta dawn tal-aħħar ma jkunux suffiċjenti.
- It-tielet, l-ASE għandhom jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lil awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti waħda jew aktar. B'mod partikolari, l-ASE għandhom jintalbu jiużaw is-setgħat tagħhom biex jiżguraw li jkun hemm segwitu fil-ħin. Barra minn hekk, meta ma jkunx hemm segwitu min-naħa tal-kontrollur nazzjonali, dan għandu jinforma lill-Bord tal-Kontrolluri dwar l-ASE rispettiva. Fir-risposta tiegħu lill-BERS, il-kontrollur nazzjonali għandu jqis il-kontribut tal-ASE rispettiva.
- Ir-raba', l-ASE huma responsabbli għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-iżviluppi tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tat-tendenzi mikroprudenzjali relevanti, ir-riskji potenzjali u l-vulnerabilitajiet. Għal dan il-għan, l-ASE għandhom iħejju eżerċizzji li jittestjaw l-istress (stress-testing exercises) f'koperazzjoni mal-BERS. Ir-riżultati ta' tali monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jitressqu lill-BERS.
- Il-ħames, il-BERS u l-ASE għandhom ikunu mistennija li jikkoperaw f'każ ta' sitwazzjoni ta' kriżi. L-ASE huma obbligati li jinnotifikaw lill-BERS dwar xi sitwazzjoni ta' emerġenza potenzjali mingħajr dewmien. Il-BERS jista' jagħti sehmu fid-dikjarazzjoni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.

Il-kombinazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi għandha tipprovdi qafas adattat għall-koperazzjoni mill-qrib bejn il-BERS u l-ASE. Għandhom jiġu enfasizzatti l-isfidi li ġejjin:

- L-ewwel nett, aspett kruċjali għall-effikaċja tal-BERS se jkun l-aċċess għal bażi ta' informazzjoni komprensiva, inkluża informazzjoni ta' natura mikroprudenzjali, li tista' tipprovdi appoġġ għat-twissijiet tar-riskju tal-BERS u rakkomandazzjonijiet tal-politika. Dan jeħtieġ azzjoni reċiproka mill-qrib mal-ASE, b'mod partikolari f'manjiera li tiżgura kunfidenzjalità stretta fl-użu ta' mikrodejta kif ukoll f'manjiera li kemm jista' jkun jiġi evitat kull piż ta' rappurtar adizzjonali fuq istituzzjonijiet finanzjarji. Għaldaqstant, f'dan ir-rigward il-BERS u l-ASE jkollhom jaqblu fuq l-arranġamenti xierqa.
- It-tieni, il-BERS jeħtieġ li jistrieħ fuq il-koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta' superviżjoni relevanti (kontrolluri tal-operazzjonijiet bankarji, tal-assigurazzjoni u t-titoli) għall-monitoraġġ ta' skoperturi tar-riskju fis-setturi finanzjarji kollha. Dan jirrikjedi l-istabbilizzazzjoni ta' rabtiet xierqa li permezz tagħhom ir-"riżultat" tal-analiżi u l-evalwazzjonijiet tal-ASE u tal-kontrolluri nazzjonali jgħaddu għal għand il-BERS. Bil-maqlub, għandu jkun hemm ukoll mekkaniżmi biex jiżguraw li l-analiżi u l-evalwazzjonijiet tar-riskju tal-BERS jiġu kkomunikati lill-kontrolluri mikroprudenzjali u jgħinu fit-tiswir ta' miżuri ta' politika xierqa.

- It-tielet, l-ASE għandha rwol importanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS meta dawn tal-aħħar huma indirizzati lill-awtoritajiet ta' superviżjoni. B'mod partikolari, l-ASE għandu jkollhom il-possibilità li jużaw l-għodod tagħhom biex kemm jista' jkun jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS.

**23c. Il-proposti tal-Kummissjoni jagħtu rwol u responsabilità proprja lill-BERS?**

Il-proposti tal-Kummissjoni jagħtu mandat wiesa' lill-BERS fis-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-UE fit-totalità tagħha. B'mod partikolari, il-BERS għandu jqis ir-riskji li ġejjin minn żviluppi fi ħdan is-sistema finanzjarja u jqis żviluppi makroekonomiċi. Dan l-irwol wiesa' huwa adattat peress li waħda mil-lezzjonijiet ewlenin tal-kriżi finanzjarja kienet il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat b'mod wiesa' l-possibilità ta' riskju sistemiku li jirriżulta minn żviluppi fl-interkonnettività bejn l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji, li jista' jagħti lok li jittieħdu minn xulxin, kif ukoll mir-rabtiet mill-qrib bejn is-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali. Għaldaqstant, il-mandat wiesa' tal-BERS ma joħloqx limiti għal evalwazzjoni sħiħa u dettaljata mill-BERS ta' riskji sistemiċi emerġenti.

Fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-BERS, dawn jikkonċernaw l-aktar l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' riskji sistemiċi, il-ħruġ ta' twissijiet ta' riskji meta riskji sistemiċi kienu identifikati, u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju fid-dawl tar-riskji identifikati.

F'dan il-kuntest, il-BERS jibbenefika minn sħubija wiesgħa u mill-possibilità li jkun hemm kontribut minn diversi sorsi – kontrolluri u mill-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha – li jkunu importanti għall-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tar-riskji kif ukoll għall-ħruġ ta' twissijiet tar-riskji speċifiċi u, fejn relevanti, tar-rakkomandazzjonijiet.

Waħda mill-isfidi ewlenin għall-effikaċja tal-BERS se tkun il-ħruġ u l-implimentazzjoni tat-twissijiet ta' riskju u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-BERS jeħtieġ li jserraħ fuq dawn li ġejjin:

- L-ewwel, il-kwalità tar-rakkomandazzjonijiet ta' twissija tkun kruċjali. Dan jimplika li l-BERS jeħtieġ jiżviluppa l-bażi ta' informazzjoni adattata, mudelli analitiċi, u kompetenza biex tiġi żgurata l-kwalità massima. Dan, min-naħa l-oħra, jipprovdi l-bażi għal kredibilità tal-politika tiegħu. F'dan il-kuntest, element importanti huwa l-għarfien u l-kompetenza ta' awtoritajiet superviżorji, li jkunu meħtieġa fit-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi fuq azzjonijiet regolatorji u superviżorji.
- It-tieni, fir-rigward tal-proċedura għall-ħruġ u s-segwitu ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet tar-riskju, huwa xieraq, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni, li t-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-riskju tal-BERS jiġu trażmessi direttament lid-destinatarji rispettivi, bi trażmissjoni parallela lill-Kunsill ECOFIN. Fl-istess ħin, id-destinatarji tar-rakkomandazzjonijiet għandhom jirrappurtaw direttament lill-BERS abbażi tal-prinċipju "aġixxi inkella spjega". Dan ikabbar l-indipendenza u l-kredibilità tal-BERS.
- It-tielet, il-BERS jista' juża l-pubblikazzjoni tat-twissijiet tar-riskji u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Dan l-istrument jista' wkoll irawwem is-segwitu adattat.

Barra minn hekk, huwa mistenni li l-Kunsill tal-UE u l-ASE jista' jkollhom rwol importanti meta jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS.

B'mod ġenerali, il-proposti tal-Kummissjoni jistabbilixxu rwol u responsabilitajiet adattati għall-BERS. Huwa importanti li jiġi nnutat li s-superviżjoni makroprudenzjali m'għandhiex titqies bħala sostituzzjoni għar-responsabilitajiet ta' awtoritajiet oħra, b'mod partikolari l-kontrolluri. Dan minflok għandu jiffaċilita u jikkumplimenta fejn meħtieġ it-tmexxija ta' superviżjoni mikroprudenzjali mill-awtoritajiet kompetenti.

### 23d. Il-bilanċ istituzzjonali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huwa adattat?

L-istituzzjonijiet tal-UE huma involuti mal-BERS f'livell differenti. Il-Kummissjoni hija membru bi dritt għal vot tal-Bord Ġenerali, li huwa adattat minħabba li għandha rwol f'inizjattivi leġiżlattivi kif ukoll fis-sorveljanza makroekonomika u finanzjarja tal-Unjoni. Il-Kunsill tal-UE huwa rappreżentat fil-Bord Ġenerali permezz tal-preżenza tal-President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) bħala membru mingħajr dritt għal vot. Dan jirrifletti l-irwol tal-KEF meta jagħti l-pariri lill-Kunsill fi kwistjonijiet relatati mal-politiki ekonomiċi u finanzjarji, inkluża l-istabilità. Il-Kunsill huwa involut ukoll fil-proċedura prevista għal twissijiet u rakkomandazzjonijiet ta' riskji, minħabba li jirċievi twissijiet u rakkomandazzjonijiet ta' riskji fl-istess ħin bħad-destinatarji, u hu jirċievi wkoll il-komunikazzjonijiet mid-destinatarji. Il-Parlament Ewropew huwa involut l-aktar fl-obbligi tar-rappurtar tal-BERS (flimkien mal-Kunsill) kif ukoll fir-reviżjoni tal-effikaċja tal-leġiżlazzjoni wara tliet snin ta' esperjenza. Dan huwa adattat ukoll meta wieħed iqis l-irwol tal-Parlament fil-leġiżlazzjoni kif ukoll biex iżomm il-BERS responsabbli. Il-BĊE huwa responsabbli għad-dispożizzjoni tal-appoġġ analitiku, statistikuu loġistiku, sabiex jisfrutta l-kompetenzi speċifiċi tal-banek ċentrali.

Il-bilanċ istituzzjonali huwa adattat ħafna, minħabba li l-istituzzjonijiet tal-UE kollha huma involuti fil-funzjonament tal-BERS fil-kuntest tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

### 23e. X'taħseb dwar il-kompożizzjoni ġenerali tal-BERS u l-Kumitat tat-Tmexxija tiegħu?

F'konformità mal-proposti li saru mir-Rapport De Larosière, huwa xieraq li l-Kunsill Ġenerali tal-BĊE jipprovdi l-bażi għall-membri bi dritt għall-vot tal-Bord Ġenerali. Il-banek ċentrali tal-UE huma ferm adattati biex ikunu l-awtoritajiet bl-akbar responsabilità għas-superviżjoni makroprudenzjali, minħabba r-rabtiet mill-qrib li l-banek ċentrali għandhom mas-swieq monetarji u finanzjarji biex iwettqu l-ħidmiet tal-politika monetarja. Barra minn hekk, il-Kunsill Ġenerali tal-BĊE huwa entità ferm stabbilita għat-teħid tad-deċiżjonijiet, li wettqet ħafna ħidmiet tal-banek ċentrali mill-1999. Għalhekk, l-esperjenza tajba mal-Kunsill Ġenerali tipprovdi bażi tajba għal funzjonament mingħajr xkiel tal-BERS. Li wieħed jirreferi għall-Kunsill Ġenerali jimplika wkoll li l-President tal-BĊE għandu jkun il-president ex officio tal-BERS u li l-Viċi President tal-BĊE huwa membru tal-Bord Ġenerali.

Huwa importanti li wieħed jinkludi fil-Bord Ġenerali t-tliet Presidenti tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, kif ukoll il-kapijiet tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali bħala membri mingħajr dritt għal vot, meta titqies l-importanza tal-azzjoni reċiproka mill-qrib bejn

il-BERS, l-ASE, u l-kontrolluri nazzjonali kif spjegat hawn fuq. Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u l-KEF hija relevanti wkoll, meta jitqies l-irwol tagħhom f'inizjattivi leġiżlattivi, f'sorveljanza makroekonomika u f'politiki ekonomiċi u finanzjarji.

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-BERS għandha tirrifletti dik tal-Bord Ġenerali tal-BERS biex jiġi żgurat li l-Kumitat huwa rappreżentant tal-Bord, li għandu jipprepara l-laqgħat tiegħu. Għalhekk, l-inklużjoni ta' ħames membri mill-bank ċentrali (flimkien mal-president u l-viċi president tal-BERS) tiżgura bilanċ adattat fost il-bankiera ċentrali u l-membri l-oħra tal-Kumitat tat-Tmexxija. Barra minn hekk, din tippermetti rappreżentanza suffiċjenti tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-ewro u ta' dawk li mhumiex fiż-żona tal-ewro. Madankollu, billi l-kompożizzjoni taż-żona tal-ewro se tinbidel biż-żmien, mhux ta' min jistabbilixxi f'att legali allokazzjoni speċifika, immutabbli ta' postijiet bejn il-banek ċentrali taż-żona tal-ewro u dawk li mhumiex fiż-żona tal-ewro.

**23f. Tista' telabora dwar il-fehmiet tiegħek fir-rigward tas-setgħat tal-BERS: kif tista' tiżgura li t-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet ma jiġux injorati mid-destinatarji?**

Kif diġà ssemma, l-effikaċja tat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS se jistrieħu fuq il-kwalità tagħhom, il-mekkaniżmu "aġixxi inkella spjega" bejn il-BERS u d-destinatarji, il-possibilità tal-BERS biex jippubblika t-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, kif ukoll l-irwol possibbli tal-Kunsill tal-UE u l-ASE huma u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Is-sorveljanza u l-evalwazzjoni mill-qrib tal-BERS dwar l-azzjoni ta' segwitu li ngħatat lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jkunu deċisivi. Meta l-BERS iqis li l-azzjonijiet li ttieħdu jew ir-raġunijiet għal nuqqas ta' azzjoni huma insuffiċjenti, għandhom jitqiesu żewġ strumenti importanti li huma l-pressjoni multilaterali u l-iżvelar pubbliku. Meta jitqiesu n-natura sensittiva tal-informazzjoni ta' bażi u d-diżordni li tista' tinqala' f'istituzzjonijiet u/jew swieq, il-BERS ikollu jieħu deċiżjoni li jiġu ppubblikati twissijiet u rakkomandazzjonijiet fuq bażi każ b'każ. Il-kombinazzjoni ta' dawn l-elementi għandha tipprovdi qafas adegwat ta' inċentivi u mekkaniżmi, li jżidu t-tendenza li jkun hemm konformità mat-twissijiet tar-riskju u r-rakkomandazzjonijiet.

**23g. Fl-opinjoni tiegħek, il-livell tal-iżvelar pubbliku huwa adattat?**

Ir-riżultat tal-BERS, fil-forma ta' evalwazzjonijiet, twissijiet u rakkomandazzjonijiet, se jkun ta' natura sensittiva. B'mod partikolari, l-iżvelar tal-evalwazzjonijiet tal-BERS jista' jkollu impatt dirett fuq il-perċezzjoni tal-parteċipanti tas-swieq fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-istabilità finanzjarja. Għaldaqstant, il-politika ta' komunikazzjoni tal-BERS għandha titqies bir-reqqa.

Fl-istess ħin, huwa importanti li l-BERS iżomm lill-pubbliku infurmat dwar l-attivitajiet u l-kontribuzzjonijiet regolari tiegħu biex l-istabilità finanzjarja tkun salvagwardjata. Dan jista' jintlaħaq permezz tal-obbligi tar-rappurtar tal-BERS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll permezz tal-pubblikazzjonijiet regolari dwar l-istabilità finanzjarja biex titqajjem il-kuxjenza tal-parteċipanti tas-suq u tal-pubbliku dwar ċerti riskji u vulnerabilitajiet.

**23h. Tara li hemm kunflitt ta' interess potenzjali mal-mandat tal-BĊE fir-rigward tal-politika monetarja?**

L-għan primarju tal-BĊE huwa li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet. Dan il-mandat mogħti lill-BĊE/SEBĊ baqa' ma nbidilx. It-Trattat mhux talli jistabbilixxi b'mod ċar l-istabilità tal-prezzijiet bħala l-għan primarju tal-politika monetarja iżda jistabbilixxi wkoll mandat ġerarkiku ċar meta jsemmi l-għan sekondarju.

L-għoti ta' xogħlijiet speċifiċi lill-BĊE, li jirrigwardaw il-funzjonament tal-BERS, jintlaqa' bi pjaċir, minħabba li dan ikabbar il-kontribuzzjoni tal-BĊE għall-istabilità finanzjarja. Din il-ħidma l-ġdida m'għandhiex tidher bħala dik li tikkostitwixxi objettiv addizzjonali tal-politika monetarja. Minflok, din il-ħidma l-ġdida għandha tikkontribwixxi għall-istabilità finanzjarja, mingħajr ma tikkomprometti l-objettiv primarju tal-istabilità tal-prezz.

Konsegwentement, il-ħolqien tal-BERS ma jbiddilx l-allokazzjoni ċara ta' responsabilitajiet li huma miġbura fit-Trattat. Dan tal-aħħar iżomm ukoll l-integrità tal-analiżi makroekonomika kollha li saret fi ħdan is-SEBĊ kif ukoll l-istruttura tal-organizzazzjoni interna tal-BĊE.

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-BERS u l-membri kollha tiegħu jingħatalhom grad għoli ta' indipendenza mill-influwenza politika. F'dan ir-rigward, l-attivitajiet ta' sostenn mill-BĊE għall-BERS la għandhom jaffettwaw lill-indipendenza istituzzjonali, funzjonali u finanzjarja tal-BĊE, u lanqas lill-prestazzjoni tal-ħidmiet tas-SEBĊ skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ u l-BĊE, b'mod partikolari l-istabilità finanzjarja indipendenti tiegħu u l-ħidmiet ta' sorveljanza għaż-żona ekonomika tal-ewro.

**24a. Kif timmaġina li se tevolvi l-istruttura superviżorja Ewropea fil-medda medja u twila ta' żmien? B'mod partikolari, x'taħseb dwar awtorità superviżorja unika Ewropea?**

L-istabbiliment tat-tliet ASE huwa pass kbir 'il quddiem. Dan jippermetti li wieħed ikompli jibni fuq l-esperjenza u x-xogħol immexxi mill-Kumitati "Lamfalussy" tal-Livell 3, li taw sehem importanti biex irawmu l-konverġenza superviżorja fl-Ewropa u joħolqu fiduċja reċiproka fost il-kontrolluri nazzjonali. L-istabbiliment tal-ASE għandu l-għan li jirrimedja waħda mid-dgħufijiet kbar ta' dawn il-Kumitati, b'mod partikolari n-natura mhux legalment vinkolanti tal-linji gwida tagħhom. Il-possibilità li jinħarġu standards tekniċi li huma legalment vinkolanti tippermetti l-ħolqien ta' ktieb tar-regoli tas-servizzi finanzjarji tal-UE, li jippromwovi kundizzjonijiet ugwali u jikkontribwixxi għall-protezzjoni adegwata tad-depożituri, l-investituri u l-konsumaturi fl-Ewropa.

Fil-medda medja u twila taż-żmien, ma naqbilx mal-idea ta' awtorità superviżorja unika Ewropea u, inġenerali, il-prestazzjoni ta' tali tip ta' soluzzjoni fil-livell nazzjonali waqt il-kriżi finanzjarja għandha twissina dwar l-adozzjoni tagħha fil-livell Ewropew. Jiena nifhem li hemm vantaġġi fl-istabbilizzazzjoni ta' awtorità unika għas-superviżjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, inklużi l-operazzjonijiet bankarji, l-assigurazzjoni u l-fondi għall-pensjoni. Is-superviżjoni u r-regolamentazzjoni jeħtieġ li jlaħħqu mal-iżviluppi fi swieq finanzjarji u tabilħaqq bdejna nesperjenzaw integrazzjoni progressiva bejn is-sottosetturi

differenti tas-sistema finanzjarja, li t-tfaċċar ta' komglomerati finanzjarji minnha huwa l-aktar implikazzjoni notevoli. Fl-ambjent attwali huwa għalhekk importanti li s-superviżjoni tadotta approċċ integrat li jippermetti għarfien profond tal-mudelli tan-negozju (mhux daqshekk) ġodda minflok approċċ separat għall-operazzjonijiet bankarji u l-assigurazzjoni, li jistgħu ma jaqbdux l-interkonnessjonijiet fost sottosetturi u r-riskji assoċjati.

Mill-banda l-oħra, nagħmel distinzjoni ċara bejn is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji u s-superviżjoni tas-swieq tat-titoli. Huwa importanti li wieħed jagħraf li l-objettivi ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet huma distinti b'mod inerenti, u fil-fatt joħolqu kunflitt f'ċerti każi, u anki l-modus operandi u r-riżorsi tad-dejta taż-żewġ żoni ta' superviżjoni finanzjarja ma tantx għandhom affarijiet komuni. Il-kunflitt ta' interess possibbli jirriżulta mill-fatt li s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għandu jkollha, bħala l-mira pubblika predominanti tagħha, id-difiża tal-interessi tad-depożituri u l-klijenti filwaqt li l-perspettiva tas-superviżjoni tas-suq tat-titoli hija li l-ewwel taħseb fl-interess tal-investituri u l-azzjonisti. Żewġ attitudnijiet differenti jirriżultaw minn dawn iż-żewġ prinċipji fir-rigward tat-tħassib ta' stabilità istituzzjonali.

Fil-fehma tiegħi, hemm ukoll argumenti b'saħħithom għas-superviżjoni tat-tmexxija tan-negozju ta' istituzzjonijiet finanzjarji fir-relazzjoni mal-klijenti tagħhom li għandha sseħħ id f'id mas-superviżjoni prudenzjali.

L-aktar argument importanti huwa l-fatt li r-regolazzjoni u s-superviżjoni ta' servizzi bankarji kummerċjali u tal-prodotti u s-servizzi tal-assigurazzjoni, u l-mod li bih jiġu kkummerċjalizzati u mibjugħa lill-klijenti x'aktarx li jkollu implikazzjoni għall-profitabilità u s-solvibilità tal-istituzzjonijiet finanzjarji, u b'hekk ikollhom impatt fuq is-superviżjoni prudenzjali. Barra minn hekk, hemm aspetti esterni negattivi u importanti li jirriżultaw mill-mod inadegwat ta' kif tiġi ttrattata l-informazzjoni miġbura fil-kuntest tas-superviżjoni tal-imġiba tan-negozju u kien hemm ukoll każijiet riċenti ta' problemi prudenzjali sinifikanti msawra minn imġiba inadegwata ta' negozju fir-relazzjoni tal-banek mal-klijenti individwali tagħhom. Meta wieħed iqis kollox, għandi t-tendenza li nxaqleb lejn mudell b'żewġ aspetti ta' superviżjoni mikroprudenzjali, ibbażat fuq żewġ pilastri istituzzjonali ewlenin: min-naħa l-waħda, is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji kollha kif ukoll il-protezzjoni tas-suq bankarju tradizzjonali u l-assigurazjoni tal-klijent, inkluża s-salvagwardja tal-fondi tagħhom u l-protezzjoni tal-interessi tagħhom fir-relazzjoni kummerċjali mal-istituzzjonijiet finanzjarji; min-naħa l-oħra, is-salvagwardja tal-integrità u l-effiċjenza tas-swieq tat-titoli, inkluża l-protezzjoni tal-investitur f'dawk is-swieq.

### 24b. Kif timmaġina l-irwol tal-BĊE fis-superviżjoni tal-operazzjonijiet bankarji fil-futur?

Inġenerali, l-esperjenza tal-kriżi finanzjarja saħħet l-argumenti favur l-involviment ta' banek ċentrali f'superviżjoni prudenzjali. F'sistema finanzjarja li kulma jmur qed tkun aktar ibbażata fuq is-suq u interkonnessa, it-tagħwiġ x'aktarx li se jaffettwa mekkaniżmi tas-suq ewlenin, bħad-distribuzzjoni tal-likwidità, se jkollu implikazzjonijiet transkonfinali u se jkompli jikber b'mod imprevedibbli. Apprezzament adegwat ta' tali dinamiki jirrikjedi perspettiva sistemika transkonfinali kif ukoll riżorsi u kompetenzi adattati għal analiżi ta' stabilità finanzjarja kif inhu l-każ mal-banek ċentrali. Barra minn hekk, waqt il-kriżi finanzjarja s-sinerġiji bejn l-operazzjonijiet fil-banek ċentrali u l-funzjonijiet tal-kontrollur kienu evidenti b'mod

partikolari għall-ġbir u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni. Meta wieħed iqis tali esperjenza, huwa ppjanat li f'għadd ta' Stati Membri jissaħħaħ l-irwol tal-banek ċentrali f'superviżjoni prudenzjali. Tali żviluppi jistgħu, maż-żmien, ikomplu jissuġġerixxu li wieħed iqis l-irwol istituzzjonali tal-BĊE u l-possibilità mogħtija mit-Trattat biex jiġu fdati ħidmiet speċifiċi f'idejn il-BĊE fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali, kif ukoll fid-dawl ta' aktar tkabbir taż-żona tal-ewro u r-rekwiżiti ta' aktar superviżjoni intensa tal-hekk imsejħa istituzzjonijiet "wisq kbar biex ifallu".

Il-qafas istituzzjonali tal-Ewrosistema jiddependi fuq approċċ operazzjonali deċentralizzat li jippermetti l-isfruttament tal-kompetenza u tal-infrastrutturi eżistenti tal-awtoritajiet nazzjonali. Dan l-istabbiliment wera li kien effettiv fit-tmexxija tal-ħidmiet istituzzjonali assenjati mit-Trattat anki fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja. Dan jista' jipprovdi qafas adattat għall-eżerċitar tar-responsabilitajiet superviżorji. Ta' min wieħed jinnota li l-argumenti normalment użati biex jargumentaw dwar l-attenzjoni fir-rigward tal-involviment tal-banek ċentrali fis-superviżjoni finanzjarja mhumiex suffiċjenti fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-unjoni monetarja Ewropea.

## 25. Sa fejn għandhom iżidu l-kapital azzjonarju tagħhom l-istituzzjonijiet finanzjarji, u kemm jistgħu jagħmlu dan malajr?

Biex wieħed iserraħ rasu mir-riskji li hemm, jeħtieġ li l-banek joqogħdu attenti meta jiżguraw li għandhom kapital ta' riżerva adegwat fejn meħtieġ. F'din il-perspettiva naqbel mad-direzzjoni ewlenija tar-regolament previst mill-Bord ta' Stabilità Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-introduzzjoni tiegħu fl-2012, b'perjodi ta' tranżizzjoni indispensabbli u klawżoli ta' eċċezzjoni. Barra minn hekk, xi banek, speċjalment dawk li jkunu rċevew appoġġ mill-istat, jista' jkollhom bżonn ristrutturar fundamentali biex jikkonfermaw il-vijabilità tagħhom fuq medda twila ta' żmien meta tali appoġġ ma jkunx għadu disponibbli. Dan jista' jinvolvi r-riduzzjoni tal-karti tal-bilanċ permezz tal-eliminazzjoni ta' negozji mhux vijabbli bl-għan li jitkabbru l-kapaċitajiet tagħhom iġġenerati mill-profitt. Fl-istess ħin, il-banek għandhom jieħdu l-vantaġġ kollu mill-irkupru riċenti fil-profitabilità tagħhom biex isaħħu l-pożizzjonijiet tal-kapital tagħhom, sabiex ir-ristrutturar neċessarju tan-negozji u t-tkabbir ta' kapaċitajiet li jassorbu x-xokkijiet, materjalment ma jkollhomx effett fuq id-dispożizzjoni ta' kreditu għall-ekonomija.

## 26. Kif jista' jiġi eliminat it-tagħwiġ kompetittiv li żviluppa wara li l-gvern u l-banek ċentrali tal-Istati Membri ħadu miżuri ta' riskju u ta' salvataġġ?

Minkejja li l-miżuri tal-gvern fl-appoġġ tagħhom għas-sistema finanzjarja kienu effettivi biex jevitaw tkabbir fil-kriżi finanzjarja, jeżisti tħassib li miżuri ta' appoġġ, jistgħu huma stess joħolqu distorsjonijiet ta' kompetizzjoni (i) fi ħdan il-pajjiżi, peress li skemi ta' appoġġ u ta' salvataġġ mill-gvern jipprovdu vantaġġ għall-banek li jibbenefikaw marbuta ma' banek li m'għandhomx aċċess għal skemi ta' appoġġ u (ii) madwar pajjiżi meta l-appoġġ pubbliku minn pajjiż ikun aktar favorevoli milli dak f'pajjiżi oħra. Minkejja li l-isforzi għall-armonizzazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ fl-UE kellhom effetti ta' distorsjoni, dehret xi evidenza li timmira lejn id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea, li hija responsabbli għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fis-suq u għar-

reviżjonar tal-miżuri ta’ appoġġ pubbliku tal-Istati Membri, s’issa ma rrappurtat l-ebda każ ta’ distorsjoni sinifikanti. Fl-istess waqt, waħda mid-distorsjonijiet potenzjali toħroġ mill-ispreads tal-bonds garantiti tal-gvern. Dawn l-ispreads ivarjaw fost il-banek tal-istess klassifikazzjoni, li iżda huma bbażati f’pajjiżi differenti. Dan jissuġġerixxi li r-riskju sovran kien il-forza motriċi ta’ dawn l-ispreads, iżda jindika wkoll distorsjoni fejn ‘banek dgħajfa ta’ pajjiżi b’saħħithom jiksbu ffinanzjar b’irħas’. Assigurazzjoni tad-depożiti mtejba wkoll għandha t-tendenza li toħloq effetti ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni transkonfinali. Madankollu, kemm il-programmi ta’ bonds iggarantiti mill-gvern kif ukoll dawk ta’ assigurazzjoni tad-depożiti x’aktarx li jitneħħew fix-xhur li ġejjin, biex b’hekk is-sors prinċipali tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni jiġi eliminat, filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li l-effetti temporanji fuq fatturi ta’ kompetizzjoni jista’ jkollhom impatt fit-tul fuq il-kompetizzjoni fis-suq.

Indikazzjoni possibbli oħra li l-livell ta’ kompetizzjoni fis-settur bankarju madwar il-pajjiżi taż-żona tal-ewro seta’ nbidel jista’ jitkejjel mill-fatt li t-tixrid tas-self tal-banek kummerċjali u rati ta’ depożitu żdiedu b’mod sinifikanti fit-tieni nofs tal-2008 u baqgħu għolja (minn perspettiva storika) matul l-2009. Minkejja li jirrifletti l-fatturi idjosinkratiċi li jaffettwaw banek individwali, ma jistax jiġi eskluż li dan l-iżvilupp sa ċertu punt jirrifletti wkoll effetti fuq kompetizzjoni transkonfinali mqanqla minn differenzi fil-miżuri ta’ appoġġ tal-gvern, li permezz tal-effetti tagħhom fuq l-ispiża ta’ finanzjament tal-banek individwali, qed ikunu trażmessi għar-rati ta’ interess offruti mill-klijenti kummerċjali tal-banek. Evidenza empirika tissuġġerixxi li anke matul il-kriżi finanzjarja, il-kambju minn rati ta’ politika għal rati ta’ interessi tal-bank kummerċjali fiż-żona tal-ewro ħadem ħafna skont l-esperjenza storika. Ma’ dan, informazzjoni mis-Servej tal-Ewrosistema dwar is-Self tal-Banek lanqas ma tissuġġerixxi li l-kompetizzjoni (jew in-nuqqas tagħha) kienet fattur ewlieni fl-issikkar tan-netwerk osservat taż-żona tal-ewro tal-istandards tal-kreditu tal-banek taż-żona tal-ewro sa mill-Q3 2007.

<u>Miżuri ta’ appoġġ tal-banek ċentrali</u> fi ħdan l-Ewrosistema jimmiraw lejn is-settur tal-ibbankjar bħala sħiħ u għandhom anqas riskju li jġibu trattament diskriminatorju. Minkejja li mhumiex neċessarjament ħielsa minn riskji li jintroduċu ċerti distorsjonijiet tas-suq, ir-riskju ta’ dawn il-miżuri li jintroduċu distorsjonijiet fil-kamp tal-kompetizzjoni tal-banek huwa limitat, tal-anqas fiż-żmien qasir. Dan japplika kemm għall-operazzjonijiet standard ta’ finanzjament mill-ġdid offruti mill-Ewrosistema lil Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji (MFIs) fiż-żona tal-ewro kif ukoll għall-miżuri li mhumiex standard introdotti matul il-kriżi finanzjarja. Meta wieħed jikkunsidra perspettiva internazzjonali minflok, il-miżuri tal-politika monetarja li mhijiex standard introdotta mill-Ewrosistema minn Ottubru 2008 b’xi mod tvarja minn miżuri introdotti minn banek ċentrali f’ġurisdizzjonijiet oħra u għalhekk l-istess kundizzjonijiet madwar il-banek globali (u anke bejn banek fiż-żona tal-ewro u banek li mhumiex tfż-żona ewro) setgħu ntlaqtu. Madankollu, wieħed għandu jżomm f’moħħu li l-miżuri meħuda mill-banek ċentrali madwar id-dinja f’dan il-kuntest tal-kriżi tfasslu għall-ispeċifiċitajiet tal-istrutturi finanzjarji u ekonomiċi l-aktar mifruxa fl-ekonomiji tagħhom. Barra minn hekk, oqfsa operazzjonali mifruxa mal-banek ċentrali globali varjaw ukoll qabel il-kriżi finanzjarja. Fl-aħħar, kwalunkwe distorsjonijiet fuq il-livell ugwali internazzjonali implikati mill-miżuri ta’ kriżi tal-bank ċentrali għandhom jispiċċaw ladarba dawn il-miżuri jintemmu u għalhekk m’għandux ikun mistenni li jkollhom impatt dejjiemi fuq il-kompetizzjoni tal-bank.

Filwaqt li jidher li distorsjonijiet kompetittivi fil-prinċipju kienu kontrollati sew, id-distorsjonijiet ta' inċentivi jippreżentaw tħassib kbir li jiġi mill-miżuri ta' appoġġ. B'mod aktar speċifiku, il-miżuri ta' salvataġġ kienu primarjament favur banek kbar u ta' importanza sistematika li l-falliment tagħhom seta' jhedded l-istabilità tas-sistema finanzjarja. Konsegwentement, dawn il-banek jistgħu jkunu qed jibbenefikaw minn perċezzjonijiet tas-suq ta' garanzija impliċita ta' salvataġġ mill-gvern, li tippermettilhom ikomplu b'negozju li jiġġenera profitt iżda li jkun riskjuż mingħajr id-dixxiplina xierqa tas-suq. Bosta proposti tressqu biex tiġi trattata l-kwistjoni hekk imsejħa 'wisq kbira biex tfalli'.

**27. Kif jistgħu l-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu furzati/inċentivati biex inaqqsu r-riskji li jieħdu?**

Ir-riforma regolatorja kontinwa dwar it-tisħiħ tal-elastiċità tas-sistema finanzjarja tinkludi diversi elementi li jipprovdu inċentivi għall-immaniġġjar tar-riskju prudenti għall-banek. F'dan il-kuntest il-proposti tal-Kumitat ta' Basel maħruġa fl-2009 se jżidu l-inċentivi għan-nuqqas ta' tar-riskji li jittieħdu billi jeħtieġu kopertura aktar komprensiva tar-riskji (eż. riskju default inkrimentali fil-kotba tan-negozju u l-introduzzjoni ta' imposta fuq krediti ta' kapital ta' riskju tal-kontroparti għal finanzjament ta' derivattivi, repos u titoli) li għandhom jiġu koperti minn kapital bi kwalità ogħla, li jiswa aktar. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' qafas armonizzat ta' likwidazzjoni se jkun jeħtieġ banek li jiffinanzjaw lilhom infushom billi jużaw sorsi ta' ffinanzjar aktar stabbli fuq bażi strutturali. Fl-aħħar, intlaħaq ftehim li prinċipji ta' kumpens b'saħħtu jiskuraġġixxu teħid tar-riskju eċċessiv għad-detriment tal-profitibilità fuq medda twila ta' żmien u l-immaniġġjar tar-riskju prudenti. Dawn il-miżuri jekk ikkunsidrati f'daqqa u implimentati b'mod xieraq jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiskoraġġixxu perjodi ta' żmien qosra u jeliminaw prattiki difettużi tal-immaniġġjar tar-riskju li osservajna fil-passat.

**28. X'tikkunsidra li huma l-iktar kwistjonijiet urġenti fil-leġiżlazzjoni tas-servizzi finanzjarji li għad iridu jitlestew wara l-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji?**

Waħda mil-lezzjonijiet prinċipali tal-kriżi finanzjarja hija li l-interkonnessjonijiet mill-qrib li jeżistu bejn swieq finanzjarji madwar id-dinja jikkawżaw problemi komuni li jridu jiġu indirizzati b'mod xieraq b'azzjoni miftiehma. Għalhekk, kif diġà kien il każ, l-aġenda regolatorja għall-UE għandha twieġeb b'mod xieraq għall-inizjattivi u r-rakkomandazzjonijiet li qed jitressqu fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari mill-G20, li l-importanza tiegħu ħarġet matul il-kriżi finanzjarja. Il-pjanijiet ta' azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet mill-G20 diġà qanqlu ammont sostanzjali ta' xogħol importanti dwar l-arranġamenti regolatorji ta' superviżjoni u stabilità finanzjarja minn korpi internazzjonali bħall-Bord tal-Istabilità Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għas-settur bankarju li huwa ta' rilevanza partikolari fil-kuntest tal-UE.

Meta wieħed jikkunsidra l-kwistjonijiet aktar importanti li għandhom jiġu indirizzati permezz tal-inizjattivi regolatorji, nistgħu niddistingwu bejn żewġ settijiet ta' kwistjonijiet.

<u>L-ewwel, inizjattivi regolatorji marbuta mat-tisħiħ tal-qafas prudenzjali li jirrizultaw minn inizjattivi internazzjonali.</u>

It-tlestija tal-programm ta’ riforma tal-Kumitat ta’ Basel, u l-implimentazzjoni sussegwenti fl-Ewropa, hija kritika biex tinkiseb sistema bankarja aktar soda li tista’ tappoġġja tkabbir ekonomiku b’saħħtu fuq terminu itwal, mingħajr ma tinfluwenza l-funzjonament tal-irkupru tas-suq u tal-ekonomija.

Barra minn hekk, fi ħdan il-kuntest tar-riformi internazzjonali, nixtieq nenfasizza l-importanza ta’ erba’ kwistjonijiet:

a) Il-ħtieġa biex jintlaħaq kunsens internazzjonali marbut mas-soluzzjonijiet għall-problemi li nħolqu mill-istituzzjonijiet finanzjarji importanti għas-sistema (SIFIs). Hemm ħtieġa li jintlaħaq ftehim dwar approċċ regolatorju speċifiku li għandu jiġi adottat għall-SIFIs u dwar x’għandhom ikunu l-proċeduri superviżorji addizzjonali sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-attivitajiet u r-riskji tagħhom. Nota riċenti tal-BĊE dwar l-SIFIs, li tħejjiet bħala kontribuzzjoni għall-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, tindirizza b’mod komprensiv l-għanijiet ewlenin għar-regolamentazzjoni dwar l-SIFIs u l-miżuri li jistgħu jiġu adottati biex jitnaqqas ir-riskju ta’ falliment tal-SIFI u biex titqies il-konsegwenza ta’ tali fallimenti. “Hemm żewġ objettivi tar-regolament: (i) żieda fil-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jiġu assorbiti x-xokkijiet u tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-SIFIs għal riskju sistemiku, b’referenza speċjali għall-possibilità ta’ kontaġjożità u tixrid; (ii) li tittaffa l-problema ta’ periklu morali u l-garanzija tas- salvataġġ assoċjata magħha. Tabilħaqq wieħed jista’ jargumenta li azzjonijiet li jindirizzaw objettiv wieħed huma strumentali fil-kisba tal-ieħor ukoll.”

b) Il-fatt li jiġu indirizzati riskji prudenzjali ppreżentati minn ċentri finanzjarji barra mill-pajjiż u ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi. Fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-kumitati superviżorji 3L3 wettqu mmappjar kumplimentari, li jidentifika lista konsolidata ta’ ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi, li dwarhom bosta superviżuri tal-UE rrappurtaw l-eżistenza ta’ problemi persistenti. Madankollu, il-qafas legali tal-UE għandu jindirizza riskji prudenzjali ppreżentati minn ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi, sabiex jiżgura li l-Istati Membri kollha jittrattaw din il-kwistjoni b’mod armonizzat u konsistenti, sabiex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju u sabiex jinżammu l-istess kundizzjonijiet bejn istituzzjonijiet finanzjarji. Id-Direttiva dwar ir-Rekwiżit Kapitali, il-MiFID, kif ukoll id-Direttiva tas-Solvenza II, għandhom jinkludu prinċipji li jirrigwardaw attivitajiet f’ġurisdizzjonijiet mhux koperattivi, li jillimitaw (jew saħansitra jipprojbixxu) tali attivitajiet kull meta ġurisdizzjoni ma tikkoperax mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Minbarra l-Istandards ta’ Basel, IOSCO u IAIS, ta’ min wieħed isemmi wkoll f’dan ir-rigward ir-rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw "Immaniġġjar konsolidat tar-riskju abbażi tal-prinċipju 'kun af il-klijent tiegħek' (KYC)", maħruġ mill-Kumitat ta’ Basel f’Ottubru tal-2004, li jistabbilixxi sett ta’ rakkomandazzjonijiet komprensivi biex jittratta mal-ġurisdizzjonijiet li għandhom segretezza bankarja rigoruża jew liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta li jipprevjenu, jew jistgħu jiġu interpretati li jipprevjenu, it-trasferiment ta’ informazzjoni rilevanti għall-iskopijiet ta’ mmaniġġjar tar-riskju. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jipprevedu li jekk ikun hemm impedimenti għall-iskambju tal-informazzjoni li hemm prova li ma jistgħux jingħelbu, u m’hemmx arranġamenti alternattivi sodisfaċenti, is-superviżur tal-pajjiż ta’ domiċilju għandu jagħmilha ċara lill-ospitant li l-bank jista’ jiddeċiedi għalih innifsu, jew jintalab mis-superviżur tal-pajjiż ta’ domiċilju, biex itemm l-operazzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li jekk il-liġi tillimita

żvelar ta' informazzjoni lil "partijiet terzi", l-uffiċċju prinċipali jew il-bank ewlieni jkun eskluż mid-definizzjoni ta' parti terza.

Dawn il-prinċipji kollha bbażati fuq standards internazzjonali u fuq xogħol li qed jiġi żviluppat fl-FSB u livelli tal-UE, għandhom jinkludu l-istabbiliment tal-għodda għal infurzar prudenzjali. Dawn l-għodod jistgħu jinkludu approċċ pass pass, li jibda mill-intensifikazzjoni ta' djalogu u negozjati ma' ġurisdizzjoni problematiċi u jkompli bl-intensifikazzjoni tad-diliġenza dovuta minn istituzzjonijiet li joperaw f'dawk il-ġurisdizzjonijiet u/jew rekwiżiti għal fondi proprji ogħla u/jew restrizzjonijiet fuq attivitajiet jew saħansitra għeluq tal-operazzjonijiet.

c) L-iżvilupp ta' reġimi ta' sanzjonar aktar armonizzati fuq livell Ewropew, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tar-"Rapport de Larosière" (rakkomandazzjoni 20): L-*Istituzzjonijiet Ewropej għandhom jibdew ukoll proċess li se jwassal għal aktar reġimi ta' sanzjoni madwar is-Suq Uniku kollu. Is-superviżjoni ma tistax tkun effettiva b'reġimi ta' sanzjoni dgħajfa u li jvarjaw ħafna. Huwa essenzjali li fi ħdan l-UE u barra, is-superviżuri kollha jkunu kapaċi japplikaw reġimi ta' sanzjoni li jkunu konverġenti u stretti biżżejjed biex iservu ta' deterrent. Bħalissa dan żgur li mhux il-każ. L-istess eżerċizzju għandu jinbeda fir-rigward tal-poteri superviżorji sabiex titrawwem superviżjoni koerenti u effikaċi fis-Suq Uniku.*

d) Il-ħtieġa biex jitwettaq aktar xogħol biex tiġi promossa l-istardizzazzjoni ta' derivattivi u jkun appoġġjat l-użu ta' kontropartijiet ċentrali biex jitneħħew tranżazzjonijiet derivattivi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda *credit default swaps*.

<u>It-tieni, inizjattivi regolatorji bil-għan tat-titjib tal-kapaċità tal-qafas istituzzjonali tal-UE għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet futuri.</u>

L-interdipendenzi akbar bejn is-sistemi finanzjarji nazzjonali u l-ħtieġa li jiġi salvagwardat il-proċess tal-integrazzjoni finanzjarja tal-UE jitolbu azzjoni xierqa fil-livell tal-UE biex jindirizzaw l-impatt sistemiku possibbli ta' fallimenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali. Għalhekk, ir-riflessjonijiet attwali tal-Kummissjoni, biex tiżviluppa qafas riżoluttiv tal-EU u tindirizza l-ostakli għal ġestjoni effikaċi tal-kriżi tal-istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali tal-UE, għandhom jiġu appoġġjati. Il-ħidma għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: (i) l-iżvilupp ta' sett minimu ta' għodda biex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jindirizzaw problemi ta' banek f'diffikultajiet serji, bla ma neċessarjament jirrikorru għall-appoġġ pubbliku, u meta jkun xieraq, jillikwidaw il-banek li jkunu mingħajr effetti ħżiena fuq l-istabilità finanzjarja; (ii) koordinazzjoni u koperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fit-trattament ta' gruppi transkonfinali. Fuq medda qasira ta' żmien, l-iżviluppi leġiżlattivi għandhom jinkludu l-armonizzazzjoni tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, u jipprevedu, fost oħrajn, iffinanzjar ex-ante u bbażat fuq ir-riskju, ikkumplimentat b'iffinanzjar ex-post kredibbli li jiġi attivat meta jkun meħtieġ. Biex jikkumplimeta l-funzjoni tagħha ta' *pay-box*, l-irwol tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti fil-fażi tar-riżoluzzjoni għandu jiġi kkunsidrat. It-twaqqif ta' qafas tal-UE aktar komprensiv għall-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet ikun essenzjali għat-tisħiħ tas-suq uniku tas-servizzi finanzjarji, billi jillimita l-inċentivi għall-awtoritajiet nazzjonali li jiddelimitaw il-komponenti domestiċi ta' istituzzjonijiet finanzjarji f'diffikultajiet serji. Madankollu, din il-ħidma jkollha tindirizza sfidi enormi, fosthom id-differenzi attwali fir-reġimi legali applikabbli għar-

riżoluzzjoni tal-kriżijiet fost l-Istati Membri. Niftakar li l-ECOFIN, fit-2 ta' Diċembør 2009, stiednet lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju biex jissokta bil-ħidma tiegħu dwar qafas ta' koordinament tal-politika tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet, inkluża l-kwistjoni tal-qsim tal-piż, u biex jippreżenta proposti konkreti lill-Kunsill fir-rebbiegħa tal-2010.

Jien ċert li l-Ewrosistema se tikkontribwixxi għal tali diskussjonijiet sabiex tiddefinixxi approċċ għall-*burden sharing* li jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' periklu morali. Ikun kruċjali li wieħed jistabbilixxi kunsens dwar l-objettivi li għandhom jintlaħqu u pjan direzzjonali ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu biex dawn jintlaħqu.

**29. Kif tevalwa l-livell attwali ta' konsolidazzjoni fis-servizzi finanzjarji fl-UE u x'inhi l-opinjoni tiegħek dwar prospetti futuri f'dan ir-rigward?**

Skont l-aħħar indikaturi strutturali disponibbli għas-settur bankarju tal-UE (i.e. ċifri tal-2008), il-konsolidazzjoni fis-settur bankarju hija kontinwa. Madankollu, dan fisser ukoll li l-konċentrazzjoni tas-suq, fejn il-pajjiżi iż-żgħar ġeneralment ikollhom aktar swieq konċentrati minn dawk li huma akbar, qiegħda tiżdied. Istituzzjonijiet ta' kreditu domestiku komplew jiddominaw ix-xena bankarja tal-UE u anke kabbru s-sehem tas-suq għad-detriment ta' fergħat barranin. Differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi komplew fir-rigward tal-importanza ta' entitajiet barranin, b'sussidjarji jkollhom żona tal-ewro ewlenija li hija dominanti fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE.

Attivitajiet ta' Amalgamazzjoni u Akkwiżizzjoni (M&A) żdiedu fl-2009 filwaqt li baqgħu f'livelli baxxi meta mqabbla mal-għaxar snin ta' qabel. Ftehimiet domestiċi u transkonfinali rrekordjaw l-akbar żieda. Waqt li fil-passat il-ftehim tal-M&A tmexxa minn kunsiderazzjonijiet strateġiċi, bħar-rikonoxximent tal-ekonomiji ta' daqs ikbar u d-dħul fis-swieq ġodda, ħafna mit-tranżazzjonijiet li tlestew fl-2008 u fl-2009 involvew entitajiet li ġarrbu telf sinifikanti jew iffaċċjaw piż tal-likwidità. Fl-istess ħin, sforzi biex jitjiebu l-pożizzjoni tal-kapital u riservi ta' flus ta' ċerti istituzzjonijiet tal-kreditu wasslu għall-ġid ta' ċerti attivitajiet mhux ewlenin, jew f'termini ta' negozji jew ta' lokazzjoni ġeografika.

F'termini tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet tal-M&A, l-akkwiżizzjonijiet naqsu b'mod konsiderevoli fl-2009, u kienu biss il-ftehimiet tan-negozju domestiċi li rrekordjaw żieda.

Ta' min wieħed jinnota wkoll li l-parteċipazzjoni tal-gvernijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu kkostitwixxiet qabża sinifikanti fl-istruttura tas-sidien ta' wħud mill-istituzzjonijiet tal-kreditu kbar fl-UE. Madankollu, minħabba t-tul limitat ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni tal-gvern, huwa mistenni li din il-bidla fis-sjieda se tkun temporanja u li se titreġġa' lura hekk kif il-kundizzjoni finanzjarja ta' dawn l-istituzzjonijiet tirkupra fuq bażi ta' *stand-alone*.

Fir-rigward tal-mudelli ta' konsolidazzjoni, dan jidher f'termini tal-impatt tiegħu dwar l-effiċjenza u s-saħħa ta' banek individwali, dwar kompetizzjoni fis-settur bankarju u dwar l-istabilità finanzjarja fis-settur finanzjarju b'mod aktar ġenerali. Sal-limitu li l-attivitajiet ta' konsolidazzjoni riċenti fis-settur bankarju kkontribwixxew għaż-żieda fil-profitabilità tal-banek u r-reżistenza tagħhom mix-xokkijiet, dawn jistgħu jitqiesu li huma pożittivi.

Meta jiġu evalwati l-prospetti futuri għall-konsolidazzjoni, kunsiderazzjoni importanti hija l-kunsens mifrux li l-livelli ta' qabel il-kriżi tal-ingranaġġ tas-settur bankarju kienu eċċessivi.

B'hekk, wieħed għandu jistenna li hekk kif in-nuqqas tal-ingranaġġ jipproċedi, il-profitabilità tas-sistema bankarja (f'termini ta' ritorn għall-ishma) se tkun ritorn inqas minn dak fil-passat riċenti, mill-inqas fit-terminu medju. Għalhekk il-banek x'aktarx se jfittxu metodi ġodda ta' profitabilità. Il-konsolidazzjoni tista' tirrappreżenta mod attraenti biex jintlaħaq dan l-għan għal dawk il-banek li qed jirriżultaw bħala l-aqwa atturi tal-kriżi, minħabba li l-akkwiżizzjonijiet, bi prezzijiet li wieħed jista' jakkwistahom, potenzjalment se jkunu mod kif wieħed jista' jakkwista aktar profitabilità fil-medda twila ta' żmien – grazzi għall-ekonomiji ta' daqs akbar. F'dan ir-rigward, it-tendenzi tal-M&A jistgħu jkunu mistennija jkomplu wara l-kriżi wkoll. Jista' jkun hemm amalgamazzjonijiet fil-ftit snin li ġejjin bħala miżura ta' salvataġġ ta' banek bi problemi. Kif indikat, ħafna mir-raġunijiet li jivvalidaw it-tbassir li se naraw aktar konsolidazzjoni fil-futur qarib jiġġustifika wkoll il-konklużjoni li din se twassal għal sistema bankarja aktar effiċjenti u reżistenti. Mill-banda l-oħra, il-konċentrazzjoni tas-settur tista' toħloq aktar istituzzjonijiet "wisq kbar biex ifallu" li jagħmilha iktar diffiċli li wieħed jimplimenta l-miżuri biex jindirizzaw il-problemi li dawn l-istituzzjonijiet joħolqu.

## D. Funzjonament tal-BĊE u r-responsabilità u t-trasparenza demokratika

### 30. M'għandhomx, ir-responsabilitajiet differenti tal-membri tal-Bord, jinbidlu maż-żmien, f'konformità mat-tibdiliet li saru fil-ħidmiet u l-prijoritajiet tal-BĊE?

Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huwa korp tat-teħid tad-deċiżjoni kolleġġjali; il-funzjonament tiegħu huwa bbażat fuq il-prinċipju tar-responsabilità kollettiva, i.e. il-Bord Eżekuttiv fl-intier tiegħu huwa responsabbli b'mod kollettiv għad-deċiżjonijiet tiegħu u l-funzjonament kollu tal-oqsma tan-negozju tal-BĊE. Waqt li, għal raġunijiet prattiċi, oqsma tan-negozju jirrapportaw lil membri individwali tal-Bord Eżekuttiv li jipprevedu u jiggwidaw ix-xogħol tagħhom, l-unitajiet kollha tax-xogħol jaqgħu taħt id-direzzjoni maniġerjali tal-Bord Eżekuttiv kollu kemm hu.

Kif ġara fil-passat, il-Bord Eżekuttiv jista' jirrevedi, minn żmien għal żmien, il-linji ta' rappurtar tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-unitajiet tax-xogħol u l-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Tali aġġustamenti mhux regolari fir-responsabilitajiet individwali tal-membri tal-Bord Eżekuttiv jikkontribwixxu għat-tisħiħ tan-natura kolleġġjali tal-Bord Eżekuttiv. F'dan il-kuntest, il-kompożizzjoni ta' portafolli ta' membri tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jinbidlu waqt il-kariga tagħhom. Kull deċiżjoni f'dan ir-rigward tibqa' l-unika responsabilità tal-Bord Eżekuttiv innifsu.

Nagħti valur kbir lin-natura kollettiva tal-Bord Eżekuttiv għax dan jiżgura bl-aħjar mod li jkunu riflessi diversi perspettivi u li l-kompetenza, l-esperjenza u l-għaqal kollha jitqiesu kif xieraq meta jittieħdu d-deċiżjonijiet.

### 31. Liema sistema taħseb li hi adattata biex tiġi żgurata rotazzjoni ġusta ta' sħubija fil-bord eżekuttiv tal-BĊE anki f'termini ta' ċittadinanzi?

Il-prerekwiżiti għal dawk li jinħatru fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huma stabbiliti bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (Art 283.2) u l-Istatut tas-SEBĊ u l- BĊE
(Art 11.2):

- il-membri tal-Bord Eżekuttiv "għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji";
- "huma biss il-persuni li jkollhom ċittadinanza [żona tal-ewro] tal-Istati Membri li jistgħu jkunu membri tal-Bord Eżekuttiv".

Għalhekk it-Trattat jistabbilixxi żewġ rekwiżiti: "kompetenza" u "ċittadinanza [żona tal-ewro]". Ma tista' tinstab l-ebda speċifikazzjoni fit-Trattat bħala fattur determinanti għall-kompożizzjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Ħatriet li għandhom ikunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet li mhumiex dawk msemmijin hawn fuq jistgħu jkunu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-indipendenza tal-BĊE. Fil-laqgħat tal-korpi tat-teħid tad-deċiżjoni tal-BĊE l-membri kollha jipparteċipaw fil-kapaċità personali tagħhom. Il-prinċipju ta' indipendenza jsemmi li "la l-Bank Ċentrali Ewropew, u lanqas bank ċentrali nazzjonali, jew membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom ma għandu jfittex jew jieħu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni, minn xi Gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor." (Art. 130 tat-Trattat, Art. 7 tal-Istatut). Din id-dispożizzjoni tat-Trattat hija inkompatibbli mal-prinċipju tar-rappreżentanza nazzjonali.

Id-deċiżjoni finali dwar ħatriet tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tittieħed mill-Kunsill Ewropew (li fih Membri fiż-żona tal-ewro biss jivvutaw) fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-BĊE. Nittama li l-prinċipji msemmija hawn fuq għall-ħatra ta' membri fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huma rispettati bis-sħiħ.

**32. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-ħtieġa li tiżdied id-diversità ta' sfondi rappreżentati fil-Bord tal-BĊE aktar milli wieħed jistrieħ biss fuq bankiera ċentrali?**

Kif semmejt fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija preċedenti, it-Trattat u l-Istatut huma ċari meta jistipulaw li l-Membri tal-Bord Eżekuttiv "għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji".

Mhix sorpriża li bankiera ċentrali jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Fl-istess ħin, din id-dispożizzjoni bl-ebda mod ma teskludi dik il-ħatra ta' kandidati minn barra l-komunità tal-banek ċentrali. Fil-fatt, f'ħafna banek ċentrali – u l-BĊE mhux eċċezzjoni hawnhekk - l-isfond ta' membri tal-korpi tat-teħid ta' deċiżjoni hu pjuttost differenti u jinkludi, pereżempju, esperjenza professjonali fl-operazzjonijiet bankarji, fl-akkademja u fl-amministrazzjoni pubblika.

Mill-curriculum vitae tiegħi rajt li dan japplika għalija. Fil-fehma tiegħi, id-diversità ta' sfondi ta' membri ta' korp deċiżjonali kolleġġjali hija ħtieġa għat-tmexxija tal-istituzzjoni.

**33. Tista' telabora dwar l-opinjonijiet tiegħek dwar il-kunċett ta' responsabilità demokratika fir-rigward tal-BĊE u l-banek ċentrali inġenerali?**

Biex tinżamm il-leġittimità, bank ċentrali indipendenti għandu jkun responsabbli f'istituzzjonijiet demokratiċi u l-pubbliku ġenerali għall-azzjonijiet tiegħu fit-twettiq tal-mandat tiegħu. Bir-rikonoxximent dejjem jiżdied, speċjalment fl-aħħar deċennji, li l-

indipendenza hija kruċjali għal bank ċentrali biex iwettaq il-mandat tiegħu, in-natura ta' responsabilità demokratika saret ukoll aktar importanti. F'dan il-kuntest, ir-responsabilità ta' banek ċentrali madwar id-dinja ħadet għadd ta' forom differenti.

Fl-Unjoni Ewropea, il-BĊE għandu mandat ċar u jwettqu f'manjiera indipendenti kif stipulat fit-Trattat. Fit-Trattat hemm ukoll previst li dan il-grad għoli ta' indipendenza jimxi id f'id mar-responsabilità demokratika lejn il-pubbliku Ewropew u r-rappreżentanti tiegħu eletti direttament, jiġifieri, il-Parlament Ewropew. Għalhekk ġew stabbiliti għadd ta' modi differenti biex il-BĊE jinżamm responsabbli, mhux l-inqas mill-apparenzi regolari tal-President tal-BĊE quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), u aktar żjarat mill-Viċi President tal-BĊE u membri oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Ta' min wieħed jinnota li l-aħħar seduti ta' smigħ jirrappreżentaw forma ta' koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-BĊE u l-Parlament Ewropew milli kif previst fit-Trattat u din il-prattika stabbilita, fil-fehma tiegħi hi, element pożittiv ħafna kif milqugħa wkoll mill-Parlament Ewropew. Ir-responsabilità tal-BĊE tinkludi wkoll obbligi ta' rappurtar preċiżi (Art. 15 tal-Istatut tal-BĊE). Lil hinn mir-Rapport Annwali preżentat lill-Parlament (u l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew), il-BĊE huwa mitlub li jippubblika rapporti kull tliet xhur dwar l-attivitajiet tal-Ewrosistema. Il-BĊE iddeċieda li jmur lil hinn mir-rekwiżiti tat-Trattat u jirrapporta aktar spiss fil-Bullettin ta' Kull Xahar. Fl-aħħar nett, minbarra d-Dikjarazzjoni Finanzjarja ta' Kull Ġimgħa, il-BĊE jippubblika sensiela ta' pubblikazzjonijiet relatati mal-ħidma, inkluż ir-Rapport ta' Stabilità Finanzjarja bjennali u r-Rapport dwar l-Integrazzjoni Finanzjarja.

**34. Kif tiġġudika l-proċedura użata biex jinbidlu l-membri tal-bord tal-BĊE? Ir-responsabilità u t-trasparenza demokratika ex ante m'għandhomx jimplikaw li l-Parlament Ewropew mill-inqas jingħata formalment il-possibilità li jisma' diversi kandidati potenzjali u jagħti l-opinjoni tiegħu qabel ma l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali dwar in-nomina?**

Il-proċedura li permezz tagħha jingħażlu l-membri tal-Bord Eżekuttiv hija stipulata fl-Artikolu 283 tat-Trattat u l-Artikolu 11 tas-SEBĊ u l-Istatut tal-BĊE. Kien hemm qbil min-naħa tal-firmatarji kollha fir-reviżjoni l-aktar riċenti tat-Trattat u hija liġi Ewropea effettiva. Bħala kandidat għall-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jien suġġett għal dik il-proċedura u ma nqisx li huwa xieraq li nikkummenta fuq il-konvenjenza tiegħu.

**35. Liema huma l-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-paragun bejn il-politiki ta' trasparenza li segwa l-Bank tar-Riserva Federali u l-BĊE? Liema alternattiva tippreferi: il-pubblikazzjoni tal-minuti ġimagħtejn wara li ttieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja, kif jagħmlu l-Fed u l-Bank tal-Ingilterra, jew l-istqarrija stampa li ssir immedjatament wara d-deċiżjonijiet tal-politika monetarja flimkien mal-pubblikazzjoni fil-pront fuq l-internet tar-raġunar wara d-deċiżjoni, kif jagħmel il-BĊE?**

Paragun fost approċċi differenti huwa biċċa xogħol kumplessa. Waħda mir-raġunijiet hija li l-banek ċentrali jista' jkollhom ħtiġiet differenti marbutin mal-istorja u l-kulturi speċifiċi, mal-għanijiet tal-politika u ma' elementi oħra fl-oqfsa istituzzjonali tagħhom. Bħala konklużjoni b'saħħitha minn riċerka disponibbli, jirriżulta li l-mod li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet tal-banek ċentrali llum il-ġurnata dwar il-politika monetarja huwa aktar ċar u aktar trasparenti milli

f'deċennji preċedenti. B'hekk, l-effikaċja tal-politika monetarja kibret fuq skala globali.

Hemm modi differenti kif wieħed jista' jkun trasparenti. Għar-raġunijiet li ġejjin konvint li l-approċċ tal-BĊE huwa wieħed mill-aktar avvanzati fid-dinja. L-ewwel nett, ir-rabta bejn l-istrateġija tal-politika monetarja u r-raġunijiet għall-azzjonijiet tagħha hija trasparenti ħafna. It-tieni, il-Konfereza Stampa u d-Dikjarazzjoni Introduttorja huma għodda bżonjużi biex tinxtered informazzjoni importanti għal udjenza eteroġena. Joħolqu partijiet interessati (eż. il-pubbliku ġenerali, il-midja, u l-osservaturi tas-suq finanzjarju) b'sett komprensiv ta' informazzjoni relevanti dwar id-deċiżjonijiet tal-politika monetarja tal-BĊE. Għandhom l-għan li jispjegaw il-fehma kollettiva tal-Kunsill Governattiv dwar il-qagħda tal-politika monetarja. It-tielet, id-Dikjarazzjoni Introduttorja u l-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet fil-konferenza stampa huma ppubblikati f'ħin reali. Dan l-element ma jinkisibx bil-pubblikazzjoni tal-minuti. Fuq kollox, inqis il-prattika tal-BĊE bħala waħda impenjattiva għall-membri kollha tal-Kunsill Governattiv. Nemmen ukoll li l-approċċ tal-BĊE s'issa jinftiehem aħjar, u li l-pubblikazzjoni tal-minuti minn banek ċentrali oħra tagħmel iktar sens għalihom ukoll.

**36. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-Djalogu Monetarju ta' kull tliet xhur bejn il-Parlament Ewropew u l-President tal-BĊE? Hemm post għal titjib fid-Djalogu Monetarju? Huwa minnu li d-diskussjonijiet frekwenti ma' atturi politiċi oħra dwar il-politiki tal-BĊE jdgħajfu l-indipendenza tal-bank?**

Id-djalogu regolari mal-Parlament Ewropew huwa parti mir-responsabilità demokratika li l-Bank Ċentrali Ewropew għandu lejn iċ-ċittadini Ewropej u r-rappreżentanti tagħhom eletti direttament. F'dan il-kuntest, il-laqgħat ta' kull tliet xhur bejn il-President tal-BĊE u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jirrappreżentaw kontribuzzjoni importanti għall-aċċettazzjoni mill-pubbliku tal-politika monetarja tal-BĊE. Flimkien ma' apparenzi addizzjonali, anki minn Membri tal-Bord Eżekuttiv, din l-integrazzjoni tikkontribwixxi għal skambju ta' opinjonijiet profondi u produttivi. Tipprovdi wkoll lill-BĊE b'forum importanti biex jispjega l-politika monetarja u jirċievi rispons. Din testendi sal-plenarja tal-PE billi, inter alia, il-President tal-BĊE jippreżenta Rapport Annwali tal-Bank. Il-kwalità tad-djalogu bejn il-BĊE u l-PE hija ta' standard għoli. Dan ġie rikonoxxut miż-żewġ istituzzjonijiet f'diversi okkażjonijiet fil-passat.

Jien inqis l-iskambju ta' informazzjoni regolari ma' atturi oħra tal-politika bħala element importanti ħafna tal-qafas tal-politika tagħna fl-EMU. F'dan il-kuntest, il-BĊE jinteraġixxi ma' għadd ta' istituzzjonijiet fuq bażi regolari. Pereżempju, il-BĊE huwa mistieden għal-laqgħat tal-Ewrogrupp u tal-Kunsill ECOFIN. Jipparteċipa b'mod regolari fil-laqgħat tad-Djalogu Makroekonomiku. Hemm ukoll l-integrazzjoni fil-livell tekniku mal-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali, pereżempju, fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika tal-UE. Dawn l-iskambji ta' opinjonijiet kollha jsiru skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, li b'hekk jiżgura u jirrispetta dejjem l-indipendenza sħiħa tal-BĊE waqt li fl-istess ħin jappoġġja l-funzjonament propju tal-EMU. Għalhekk huma meħtieġa u mixtieqa preċiżament għax jirrikonoxxu l-indipendenza tal-BĊE.

**37. Il-BĊE għandu jkun suġġett għal skrutinju sħiħ tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jmur lil hinn mill-kunċett ta' "effiċjenza operazzjonali" (l-Artikolu 27.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE)**

Il-governanza korporattiva tal-BĊE hija suġġetta għal qafas komprensiv ta' kontrolli esterni u interni li ħafna elementi minnhom huma statutarji min-natura tagħhom. L-eżami tal-effiċjenza operazzjonali tat-tmexxija tal-BĊE mill-Qorti tal-Awdituri huwa element importanti ta' dan il-qafas ta' kontroll. Dan il-qafas huwa kumplimentat mill-obbligu ta' rappurtar lill-Parlament Ewropew u l-pubbliku ġenerali kif ukoll kontroll ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-elementi kollha tfasslu wkoll fid-dawl tal-garanzija tal-indipendenza tal-bank ċentrali. L-indipendenza tal-BĊE hija estiża wkoll għar-riżorsi finanzjarji tagħha.

Minn dan wieħed jista' jikkonkludi li m'hemm l-ebda ħtieġa li jiġi estiż il-kontroll tal-Qorti tal-Awdituri lil hinn mill-kunċett tal-effiċjenza operazzjonali.

**E. <u>Ġenerali</u>**

**38. Fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-aktar riskji u sfidi importanti li qed jiffaċċja l-BĊE?**

Fir-rigward ta' sfidi u riskji ewlenin li qed jiffaċċja l-BĊE, hawnhekk se nillimita lili nnifsi għal tlieta minnhom:
L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ħruġ hija sfida mingħajr preċedent, bi ħtieġa li l-irtirar tal-miżuri mhux standard tal-BĊE jsir b'mod gradwali. Madankollu, l-inċertezza tas-suq dominanti tfisser li l-mod li bih jiġu determinati l-pass u l-iskala adattati tal-ħruġ jibqa' ħidma impenjattiva. Inħoss li l-miżuri ta' strateġija tal-ħruġ meħuda s'issa mill-BĊE kienu adattati u ġustifikati bis-sħiħ permezz tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq ekonomiku u finanzjarju. Meta wieħed iħares 'il quddiem hemm bżonn ta' aktar attenzjoni, minħabba li l-ispejjeż tal-iżbalji jistgħu jkunu għolja ħafna, kif uriet l-istorja ta' rkupru minn kriżijiet serji tal-operazzjonijiet bankarji u tal-ekonomija.

Sfida oħra li nixtieq insemmi hija l-istabbiliment u l-operazzjoni tal-BERS, li għalih il-BĊE jagħti l-appoġġ tiegħu. Intellettwalment, din il-ħidma hija ta' sfida minħabba li hemm il-ħtieġa li għodod ġodda jiġu żviluppati għall-evalwazzjoni tar-riskju makroprudenzjali, waqt li għodod eżistenti jistgħu jintużaw ukoll għal dan l-iskop. Barra minn hekk, bil-bażijiet komuni li jeżistu bejn il-Kunsilli Ġenerali u Governattivi tal-BĊE u l-Bord Ġenerali l-ġdid tal-BERS fir-rigward tal-kompożizzjoni taż-żewġ korpi, irridu niżguraw komunikazzjoni adegwata u konsistenti. B'mod partikolari, għandu jiġi enfasizzat li m'hemm l-ebda tqabbil bejn l-għan tal-istabilità tal-prezzijiet u l-appoġġ li l-BĊE jista' jagħti lill-miri oħra inkluża l-istabilità finanzjarja. Finalment, hemm, pereżempju, kwistjonijiet amministrattivi, bħal kif wieħed idaħħal il-funzjoni ta' appoġġ tal-BERS fl-organizzazzjoni attwali tal-BĊE.

Finalment, se nsemmi l-isfida li tirriżulta mill-pressjonijiet li nħolqu mill-iżbilanċi eżistenti f'diversi pajjiżi membri. Din hija problema għall-pajjiżi nfushom u għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha b'responsabilitajiet fit-tmexxija tal-unjoni monetarja iżda għandha tinvolvi wkoll l-irwol attiv tal-BĊE. Kif semmejt qabel, hemm biss politika monetarja waħda għaż-żona tal-ewro kollha kemm hi, iżda hemm ukoll missjoni għall-BĊE, dik li jikkontribwixxi għall-analiżi tal-kompetittività u tad-diverġenzi fiż-żona waqt li jgħin lill-pajjiżi nfushom biex

ifasslu u jimplimentaw il-politiki adattati. Bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea jinħolqu benefiċċji għall-pajjiżi konċernati iżda wkoll obbligi. Għall-membri taż-żona tal-ewro, dan japplika bil-wisq aktar. Dawn ir-responsabilitajiet għandhom jiġu rispettati minn kulħadd, biex wieħed jara x'jista' jibbenefika mill-unjoni ekonomika u monetarja fl-Ewropa. L-azzjonijiet tal-politika għandhom ikunu f'konformità mar-rekwiżiti Ewropej. B'dan, ma nfissirx biss li wieħed jissodisfa r-regoli fiskali fil-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, iżda wkoll ifassal politiki strutturali li jagħmlu l-Ewropa aktar produttiva, u b'hekk aktar flessibbli. Bl-istess mod, aġenti privati għandhom josservaw imġiba bbilanċjata fit-tendenzi tal-ispejjeż u tal-iffissar tal-pagi tagħhom. Il-progress u l-konverġenza insuffiċjenti f'dawn l-oqsma mhux talli jħassbuni bħala sostenitur entużjast tal-Ewropa, imma jaffettwaw ukoll l-ambjent li fih jopera l-BĊE, u għalhekk iħassbuni wkoll bħala wieħed li jfassal il-politika monetarja.

# RIŻULTAT TAL-VOT FINAL FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.3.2010 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 37<br>–: 3<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Burkhard Balz, Godfrey Bloom, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Enikő Győri, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Pervenche Berès, Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Robert Goebbels, Jan Kozłowski, Philippe Lamberts |